# Kunsill Lokali Mellieħa

## Rapport Annwali Amministrattiv

**2020**

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 3 |
| Il-Finanzi u l- Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 12 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 15 |
| Ir-Rapport tal-Uditur u l-'Financial Statements' | 17 |

Is-sena finanzjarja 2020 kienet kkaratterizzata mill-pandemija Covid-19, li affettwat bil-kbir dawk l-attivitajiet li jinvolvu l-attendenza tan-nies, bħalma huma avvenimenti kulturali, servizzi komunitarji, korsijiet ta' tagħlim, u saħansitra anke il-mod kif baqgħu jsiru l-kuntatti u anke kif l-impjegati tagħna ħadmu. Drajna nużaw ċerti għodod, li jkun tajjeb nibqgħu nużawhom anke meta l-pandemija tkun għaddiet. L-2020 kienet sena partikulari għall-aħħar u minn dak li qed jgħidu l-esperti qed inbassru li għallinqas tul l-2021 se tkun xi ftit jew wisq l-istess.

Minkejja dan, rajna li l-fondi jiġu allokati fil-proporżjonijiet li kienu jsiru fi snin preċedenti, għalkemm jeħtieġ naġixxu b'mod illi nkunu konformi mal-miżuri marbuta mal-pandemija li jkunu fis-seħħ. B'mod partikulari qed nirreferi għall-attivitajiet kulturali ewlenin li jorganizza l-Kunsill, bħalma huma Jum il-Kunsill, l-Iljieli Melleħin, u Milied Mellieħi. Għal raġuni msemmija kien hemm fondi mhux minfuqa mil-baġit kulturali u għalhekk ser ikun possibbli li fit-tliet snin li ġejjin, forsi b'effett mill-2021 jiżdiedu attivitajiet oħra.

Apparti l-aspett kulturali, il-Covid-19 ma ħallietx impatt daqshekk qawwi fuq l-operat f'dawk li huma servizzi li l-Kunsill obbliġat jirrendi u għalhekk aspetti oħra fin-nefqa rikorrenti baqgħu kważi fuq livelli tas-snin ta' qabel.

Matul l-2020 saru sejħiet għall-offerti dwar:

- Servizz ta' tindif ta' toroq rurali;
- Servizz ta' *contracts management*;
- Bdil tat-tagħmir fl-outdoor gym u l-art fil-Park tal-Familja; u
- Proġett dwar green infrastructure, tħawwil ta' siġar fil-Park tal-Familja u Ġnien tal-Komunità fi Ġnien il-Qigħan.

Dario Vella - **Sindku**

**2.1 Il-Kunsill**

| | Attendenza għal laqgħat |
|---|---|
| **Il-Kunsillieri (It-Tmien Kunsill – Lulju sa Diċembru)** | |
| Is-Sur Dario Vella –-Sindku | 100% |
| Is-Sur John Buttigieg – Viċi Sindku | 100% |
| Is-Sur Marvin Abela | 100% |
| Is-Sur Emvin Bartolo | 87% |
| Is-Sinjura Rebecca Bartolo Cutajar | 94% |
| Is-Sinjura Annabelle Brincat Stellini | 94% |
| Is-Sur Kurt Buttigieg | 100% |
| Is-Sur Ivan Castillo | 94% |
| Is-Sur Gabriel Micallef | 94% |

(Nota: Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill iltaqa' sittax-il darba)

**L-Impjegati**

Is-Sur Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sinjura Marica Azzopardi - Uffiċjal fi Skala 10
Is-Sinjura Doriette Fenech Gambin – Uffiċjal fi Skala 11
Is-Sinjura Marvic De Bono – Uffiċjal fi Skala 14
Is-Sinjura Yvonne Muscat – Uffiċjal fi Skala 14
Is-Sur Christian Mifsud – Uffiċjal fi Skala 15
Is-Sinjorina Petra Caruana – Uffiċjal fi Skala 15

Fil-bidu tal-mandat tat-Tmien Kunsill, fl-1 ta' Lulju 2019, ġew assenjati r-reponsabilitajiet lill-Kunsillieri skont l-organigram li jidher aktar 'l isfel. Biex ilaħħaq mal-esiġenzi amministrattivi li tinvolvi l-ħidma li dejjem qed tinfirex f'oqsma varji, b'effett mill-1 ta' Lulju 2019, il-Kunsill beda jiffunzjoni bis-*set-up* li jidher hawn taħt:

**Il-Kunsill**
I
**Is-Sindku**
I
I
**Is-Segretarju Eżekuttiv**
I
I
**Uffiċjal fi Skala 10**
I
I

**Is-Sindku D. Vella**

Finanzi; *By-Laws*; Attivitàjiet Popolari; Turiżmu; Koperazzjoni ma' l-Għaqdiet; Ufficċju Amministrattiv; Amministrazzjoni u mpjegati tal-Kunsill; Trattament tal-ilment; Kommunitajiet (Manikata; Selmun u l-ohrajn); Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika; Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-offerti ; Pjan ta' Ħidma; Permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar; Relazzjonijiet Pubbliċi; Progetti iffinanzjati minn Fondi

**Il-Viċi Sindku J. Buttigieg**

Proġetti kapitali u Infrastruttura; Project Manager; Rappreżentant fuq il-bord tal-Park tal-Majjistral; Membru Kumitat dwar l-evalwazzjoni tal-offerti; Rapprezentant Kumitat Reġjonali; Ġemellaġġi; *Contracts Manager;* Devoluzzjoni Proprjetà; *Chairman* Kumitat *ad hoc* Triq George Borg Oliver.

Ewropej; Membru Kumitat *ad hoc* Triq Ġorġ Borg Oliver; Kultura u Attivitàjiet Kulturali (Festa San Ġwann tal-Ħġejjeġ; Artist fil-Misraħ, u oħrajn); u Membru fuq il-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi.

**Uffiċjal fi Skala 11**

I
I
I
I

**Żewġ Uffiċjali fi Skala 14**

I

**Żewġ Uffiċjali fi Skala 15**

I

**Ħames ħaddiema assenjati taħt il-Community Works Scheme**

**Il-Kunsilliera A. Brincat Sellini**
Pubblikazzjonijiet; Programmi tal-Unjoni Ewropea; Jum il-Kunsill; Jum it-Tfal; Magazin tal-Kunsill; Rappreżentant EDEN; Rappreżentant Grupp Azzjoni Majjistral; Programmi Edukattivi; Fora Edukattiva; Korsijiet; Skola; Librerija Pubblika; Fiera tal-Ktieb; Kuntatt mal-Kunsill Skolastiku. Ħarġiet Kulturali; Żvilupp u Għajnuna Soċjali; Saħħa Pubblika ; L-Anzjani u Persuni b Diżabilità; Avvanz tal-mara; il-berġa; Cimiterji ; il-Familja; Tfal; Akkomodazzjoni Socjali.

**Il-Kunsillier E. Bartolo**
Trasport Pubbliku; Immanigjar tat-Traffiku; Reklamar fuq l-Għamara tat-Toroq; *Community Policing*; Materji li Jinvolvu il-Pulizija; Permessi ta' Attivitàjiet; Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-Offerti; Kordinazzjoni tal-Festi Reliġjużi; Infurzar tal-Liġi. Membru Kumitat *ad hoc* Triq Ġorġ Borg Olivier.

**Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar**
Toroq rurali; Żoni ta' Rikrejazzjoni fil-Kampanja; Ħitan tas-Sejjieħ; Giren; Mollijiet u Skallijiet; Afforestazzjoni; Kampanji ta' Tindif; Tisbieħ ta' Turġien; Tindif ta' Toroq Rurali u Urbani; Gbir ta' Skart; *Bring-In Sites*; Latrini Pubbliċi; Konservazzjoni tal-Wirt Storiku; *Heritage Trail* ta' Selmun; u Festa Ambjen

**Il-Kunsillier M. Abela**
Ħarsien tal-annimali; Kommunità Kummerċjali; Garaxxijiet Industrijali.

**Il-Kunsillier K. Buttigieg**
Relazzjonijiet Internazzjonali; Programmi taż-Żgħażagħ; Żgħażagħ; Użu ta' facilitajiet Sportivi; Attivitàjiet Sportivi u Fiżiċi.

**Il-Kunsillier G. Micallef**
Integrazzjoni Soċjali; Aċċess u Sigurtà fil-Bajjiet; Tindif tax-Xtut; Żoni għall-Karavans u Ikkampjar; Teknoloġija tal-informazzjoni; Vetturi Abbandunati/ Emigranti

**Il-Kunsillier I. Castillo**
Innovazzjoni; Servizzi tal-Wi-Fi; Servizzi tal-Elettriku; Ilma; Drenaġġ; Tismija ta Toroq u Numri tal-Bibien; Membru fuq il-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi.

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

**Titjib ta' Toroq**

Bi ftehim ma' Transport Malta, ix-xogħol fuq ir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin twettaq minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill, filwaqt li l-istess awtorità intrabtet li tiffinanzja l-ispiża li tlaħħaq 'il fuq minn €360,000. Din kienet tinkludi l-bini ta' *retaining wall, culverts* għall-ilma tax-xita, u tiġdid tal-*mains* tal-ilma. Skont il-ftehim li sar ma' Transport Malta, il-Kunsill għamel tajjeb għal ispejjeż professjonali involuti. Mill-ispiża msemmija għad fadal x'jitħallsu €59,000.

Bħala parti mir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa li saret fl-2019 kien sar ftehim ma' Infrastructure Malta sabiex issir dik il-parti ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq l-Erwieħ u Triq il-Qalb Imqaddsa, li tinkludi wkoll titjib fil-*culverts* għall-ilma tax-xita. Din il-parti ma kinitx saret minħabba l-fatt li kienu għaddejjin xogħlijiet fuq ir-restawr tal-Kmamar tas-Santwarju, li kienu ser jiġu perikolati bl-użu tal-makkinarju. Għalkemm dan mhuwiex proġett li ser jitwettaq minn fondi tal-Kunsill, jista' ikun li jintalab jintervjeni biex jittaffew l-inkonvenjenzi li jinqalgħu, kif kien sar fil-fażi ta' Triq il-Marfa, fejn il-Kunsill intalab jipprovdi servizz ta' *minibus shuttle* waqt l-għeluq ta' l-istess triq.

**Triq Ġorġ Borg Olivier**

Il-kumitat li twaqqaf fl-2019 biex jidħol fil-problemi tat-traffiku ta' Triq Ġorġ Borg Olivier kompla għaddej bix-xogħol tiegħu u ressaq numru ta' proposti lill-Kunsill. Dawn jinvolvu d-devjazzjoni ta' xi rotot li attwalment jgħaddu minn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira bil-għan li titnaqqas il-pressjoni fuq dawn it-toroq u minflok jużaw il-*bypass*, b'daħla fi Triq Qasam Barrani. B'dan il-mod ikun qed jintlaħaq aħjar ċentru residenzjali ieħor, li mhux daqshekk imbiegħed miċ-ċentru kummerċjali. Il-Kunsill qed jipproponi wkoll li għandu jinħoloq *interchange* għall-karozzi tal-linja fil-bidu ta' Triq Selmun, li għalkemm qed fil-periferija jinsab qrib ċentru residenzjali kif ukoll kummerċjali. Dan l-*interchange* jrid iservi ta' ħolqa għall-karozzi tal-linja kollha li attwalment jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa. Jidher li hemm kunsens minn naħa ta' Transport Malta dwar il-vijabilità tar-rotot kif proposti, iżda għad irridu naraw kif l-*interchange* għandu jiġi ntegrat fi Triq Selmun. Għal raġunijiet estetiċi l-Kunsill oġġezzjoni għall-proposta ta' Infrastructure Malta sabiex dan jiġi ntegrat mar-*roundabout* ta' Selmun.

Apparti l-konġestjoni kkawżata mill-karozzi tal-linja, fi Triq Ġorġ Borg Olivier jeżisti nuqqas serju ta' infurżar tar-restrizzjonijiet li ilhom hemm is-snin. Il-Kunsill jemmen li spiċċa ż-żmien li infurzaw jibqa' jiddependi biss mill-Uffiċjali tal-Komunità li jiġu fuq il-post, peress dan it-tip ta' monitoraġġ mhux possibbli li jibqa' jiġi sostnut fuq bażi regolari. Jeħtieġ li l-infurzar ikun wieħed konsistenti permezz ta' *CCTV cameras* sorveljati mill-LESA. Għalhekk qed naħdmu fuq sejħa għall-offerti biex dawn jiġu nstallati fil-parti l-aktar dejqa ta' Triq Ġorġ Borg Olivier.

**Dwal tat-Toroq**

Sar xogħol preparatorju fuq l-introduzzjoni ta' dwal ġodda f'għadd ta' toroq oħra li jinkludu: Sqaq Nru, 1 fi Triq il-Muna, Triq il-Barkazza, Triq iż-Żebbuġ, Daħlet id-Dalji, Daħlet is-Sardinell, Triq il-Bilbla, Triq il-Bufula, Triq il-Gardell, Triq il-Birwina, u Triq il-Ġojjin. B'dan il-proġett tkun ingħalqet iż-żona ta' Santa Marija Estate f'dak li huma dwal tat-toroq, li tejjeb mhux bi ftit is-sigurtà f'din iż-żona. Dan huwa proġett stmat li jiswa 'l fuq minn €190,000 u saret talba sabiex jinkiseb kofinanzjament għalih ta' 70% mid-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**Titjib f'postijiet ta' rikrejazzjoni**

Inbidel it-tagħmir fl-*outdoor gym* flimkien mal-pavimentar ta' taħtu fil-Park tal-Familja, li kien ġie nstallat fl-2013. Inizjattiva li ttieħdet wara li nkiseb finanzjament parzjali għaliha minn SportMalta. Huwa ppjanat li tintramgħa *playhouse* għat-tfal f'sezzjoni oħra tal-park, li riċentement wkoll kien inbidel il-pavimentar tagħha. Din il-*playhouse* ġiet ġentilment mogħtija lill-Kunsill mill-*management* tal-Mellieħa Bay Hotel. Is-sigurtà f'dan il-post tibqa' ta' tħassib u għalhekk, il-Kunsill ser jara li jiġu nstallati *CCTV cameras* li anke jkopru Ġnien Dun Anton Debono li jinsab fil-qrib.

Saret sejħa għall-offerti li tinvolvi proġett fil-Park tal-Familja bl-isem *Development of Green Infrastructure Using Innovative Green Solutions,* li jinkludi tħawwil ta' siġar; tqegħid ta' bankijiet magħmula minn materjal riċikklat; it-trawwim ta' *vertical green walls* sostnuti *hydroponic system* li ssosstni l-pjanti bl-għeruq tagħhom ġo l-ilma minflok fil-ħamrija. Il-proġett jinvolvi wkoll ħolqien ta' imxietel għas-siġar fi Ġnien il-Qigħan, bil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-Iskola Primarja u persuni adulti. Dan huwa stmat li jiswa €53,000 u ser ikun iffinanzjat taħt il-Miżura 4 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Wara l-ewwel sejħa rriżulta li kien hemm offerta waħda, li qabżet il-baġit b'ammont sostanzjali u għaldaqstant ser isir attentat ieħor bil-għan li jinstab kuntrattur li jkun jista' jwettaq il-proġett bil-fondi allokati.

**Xogħlijiet ta' titjib fiċ-Ċentru Storiku**

Saru kuntatti sabiex jitfassal il-proġett tal-*panoramic lift* li jgħaqqad Triq l-Inkurunazzjoni u l-Belveder tas-Sur bil-għan li jiffaċilità l-aċċess bejn dawn iż-żewġ postijiet, partikularment għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u l-anzjani. Il-Kunsill ser ikun qed jara li jottjeni il-permess meħtieġ mill-Awtorità tal-Ippjanar. Saret ukoll applikazzjoni sabiex jinkiseb finanzjament parzjali taħt l-iskema Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilità mnedija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill xorta waħda qed jalloka €45,000 għal dan il-għan mill-fondi tiegħu.

**Ftehim dwar l-imsaġar tal-Aħrax u fil-Miżieb**

Fid-9 ta' Ottubru 2020 ġie ffirmat *memorandum of understanding* dwar il-Konservazzjoni tal-Ambjent Naturali fl-Aħrax u fil-Miżieb, bejn il-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, kif ukoll ftehim ieħor bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti. Iż-żewġ ftehim ifformalizzaw dawk l-inizjattivi li kienu jieħdu l-għaqdiet tal-kaċċaturi u nassaba, fuq bażi annwali. Essenzjalment il-ftehim:

- Tenna l-proċedura li kien josserva l-Kunsill dwar il-permessi għall-ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa;
- Ser jitwaqqaf bord ta' monitoraġġ konġunt, fejn il-Kunsill ser ikun rappreżentat; u
- Jipprovdi għall-inġagg ta' uffiċjali tal-konservazzjoni (*rangers*).

Għalkemm is-sehem tal-Kunsill fit-tfassil tal-ftehim ma kienx dirett, irrispetta l-*policy* tal-istess Kunsill f'dawk li huma permessi għall-ikkampjar, però issa wieħed irid jara la jibda jaħdem il-Bord, kif ser jinkwadra l-Kunsill f'dak li huwa tindif tal-postijiet u l-infurzar tal-*bye-laws* affettwati bil-ftehim, partikularment fl-Aħrax.

**Inklużjoni Soċjali**

Fil-laqgħa annwali preċedenti kont aċċennajt għal *workshop* bl-isem *LGBTIQ Rights at the Heart of the EU*, li kellu jsir f'Marzu ta' din is-sena fil-lokalità ta' Casalborgone fl-Italja, li ovvjament kellu jiġi pospost minħabba l-pandemija. Apparti l-Mellieħa u Casalborgone, imsieħba oħra f'din l-iniżjattiva huma l-muniċipalità u Amata fil-Latvja u l-Assoċjazzjoni ta'

Xuvenil Vrenza fi Spanja. Dan jittratta d-drittijiet marbuta mal-ġeneru fil-pajjiżi rispettivi. Wieħed jittama li l-*workshop* isir fl-2021.

**Benesseri tal-Annimali**

Il-proġett sabiex jsiru faċilitajiet fejn jinżammu qtates trattati ma twettaqx kif kien ippjanat peress li kien għadu ma nħariġtx il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-proġett jinvolvi nefqa stmata li tlaħħaq €14,500. Il-post magħżul hija l-art ta' madwar 120 metru kwadru, li s'issa għadha mhux użata, parti mill-Park tal-Familja. Din ser tkun imdawwar b'*chain link fence;* kamra tal-injam, flimkien mat-tagħmir meħtieġ biex jinqabdu l-qtates.

**Is-Segretarjat tal-Kunsill u Sistemi Ġodda ta' Xogħol**

F'Settembru 2017 introduċejna sistema ta' pagamenti onlajn u bdejna nipproċessaw il-ħruġ tal-permessi bl-istess mod. Bdejna bi ftit permessi u attwalment qed nipproċessaw medja ta' 140 permess fix-xahar b'dan il-mod, u hekk wieħed qed jinqeda b'aktar kumditā. Giet integraw is-sistema tal-pagamenti onlajn mas-sistema tal-ħruġ tal-permessi, u hekk sar aktar faċli li wieħed japplika għall-permess u jsir il-ħlas permezz tal-istess *platform.* Is-sistema ġiet estiża lill-Pulizija tal-Komunità u lill-LESA, sabiex ikunu jafu fejn inħarġu permessi minn jum għall'ieħor. L-istess informazzjoni saret disponibbli għall-pubbliku wkoll, li minnha nfiha hija miżura li tgħin fit-tnaqqis tal-abbużi. Parti sostanzjali mill-permessi li jinħarġu jinvolvu l-ikkampjar fl-erba' żoni allokati għal dan il-għan. Saru konsultazzjonijiet sabiex is-sistema tista' tkompli tiġi mtejba billi l-pubbliku jkollu l-opportunità jibbukkja areas u dati partikulari li jkunu għadhom mhux okkupati, fl-istess żoni. Meta jitqies li ħafna miċ-ċittadini li jagħmlu użu mis-servizzi tagħna mhumiex residenti fil-Mellieħa, dawn il-miżuri jgħinu mhux ftit biex jinqdew b'inħas taħbit u fi żmien qasir.

**Restawr**

Matul l-2020 baqa' għaddej ix-xogħol fuq ir-restawr tal-ħitan fuq barra tal-Batterija ta' Westreme, fejn hemm il-Mużew tat-Tunnara. Il-ħitan ta' barra ta' din il-binja kellhom inħattu u nbnew mill-ġdid, liema ntervent involvi spiża stmata li tlaħħaq €291,000. L-istess ħitan kellhom jitwieżnu temporanjament permezz ta' blokki tal-konkos. Saret manutenzjoni fuq is-saqaf u l-opramorta minn fejn kien qed jidħol l-ilma fil-ħitan, li kkawża l-ħsara. Saru t-tħejjijiet meħtieġa sabiex ikun hemm faċilitajiet sanitarji, kif ukoll rampa sabiex il-batterja tkun aċċessibbli minn kulħadd. Apparti dan, jeħtieġ illi l-oġġetti li hemm fil-mużew jintwerew b'mod aktar attrajenti u professjonali bil-għajnuna ta' mezzi audjo-viżivi moderni. In-nefqa fuq il-mużew *per se'* hija stmata li tlaħħaq €176,000, u bħal fil-każ tar-restawr, din ser tkun kofinanzjata permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Ukoll f'dak li huwa restawr, il-Kunsill irnexxielu jottjeni fondi Ewropej li jammontaw għal iktar minn €15,000 biex tinbena mill-ġdid in-niċċa tal-Madonna fil-Marfa, li saret applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex dan il-proġett jitwettaq.

**Il-Qasam Sportiv**

Matul l-2020, l-attivitajiet sportivi kienu ineżistenti minħabba l-pandemija. Fl-2019, il-Kunsill kien applika sabiex jorganizza logħob għal kulħadd taħt l-iskema *Young Achievers* mis-Segretarjat Palamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi. Dan l-avveniment kellu jsir f'Ġunju, iżda ġie pospost sakemm iċ-ċirkostanzi jippermettu.

Il-Kunsill ibbenefika minn għotja taħt il-Miżura 2 tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali bil-għan li jinxtara tagħmir sportiv għall-Park tal-Familja li jintuża għan-netball u għall-baseball.

**Il-Qasam Letterarju**

Ġie mniedi l-ktieb *'Fik Ittamaw Missirijietna, Ittamaw u Inti Ħlisthom' ta' David Muscat li jagħti* ħarsa ħafifa lejn l-istorja tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u l-ġrajjiet ewlenin tal-Mellieħa u l-inħawi.

## 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| | | a | | b | a+b | c | d | (a+b)-d/d-(a+b) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2020 ATTWALI JAN-DIC Eur** | | **2020 MARBUTA JAN-DIC Eur** | **2020 TOTAL JAN-DIC Eur** | **2019 TOTAL Eur** | **2020 ESTIMI JAN-DIC Eur** | **VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur** |
| **2** | **Id-Dóul** | | | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,362,599.00 | | 0.00 | 1,362,599.00 | 1,257,954.00 | 1,437,458.00 | (74,859.00) |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 71,804.00 | | 0.00 | 71,804.00 | 78,339.00 | 79,234.00 | (7,430.00) |
| 0090 | L-Investiment | 591.00 | | 0.00 | 591.00 | 629.00 | 1,200.00 | (609.00) |
| 0100 | Íenerali | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | **TOTAL** | **1,434,994.00** | | **0.00** | **1,434,994.00** | **1,336,922.00** | **1,517,892.00** | **(82,898.00)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 209,838.00 | | 0.00 | 209,838.00 | 185,760.00 | 213,426.00 | 3,588.00 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoælijiet oóra | 770,135.00 | | 0.00 | 770,135.00 | 897,801.00 | 999,576.00 | 229,441.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 17,617.00 | | 0.00 | 17,617.00 | 284,343.00 | 637,282.00 | 619,665.00 |
| | **TOTAL** | **997,590.00** | | **0.00** | **997,590.00** | **1,367,904.00** | **1,850,284.00** | **852,694.00** |
| | **Bilanð** | **437,404.00** | | **0.00** | **437,404.00** | **(30,982.00)** | **(332,392.00)** | **(935,592.00)** |

Noti:

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| | | a | b | a+b | c | d | (a+b)-d |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2020 ATTWALI JAN-DIC Eur** | **2020 MARBUTA JAN-DIC Eur** | **2020 TOTAL JAN-DIC Eur** | **2019 TOTAL Eur** | **2020 ESTIMI JAN-DIC Eur** | **VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur** |
| **2** | **Id-Dóul** | | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 1,221,145.00 | | 1,221,145.00 | 1,190,025.00 | 1,229,969.00 | (8,824.00) |
| 0002 | Supplimentari | 69,136.00 | | 69,136.00 | 212.00 | 12,482.00 | 56,654.00 |
| 0003 | Búonnijiet Speðjali | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiði/Governattivi | 628.00 | | 628.00 | 0.00 | 0.00 | 628.00 |
| 0015 | Ówejjeí Oóra | 71,690.00 | | 71,690.00 | 67,717.00 | 195,007.00 | (123,317.00) |
| | | **1,362,599.00** | **0.00** | **1,362,599.00** | **1,257,954.00** | **1,437,458.00** | **(74,859.00)** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 66,971.00 | | 66,971.00 | 72,925.00 | 74,384.00 | (7,413.00) |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 4,819.00 | | 4,819.00 | 4,033.00 | 4,400.00 | 419.00 |
| 0056 | Æotjiet Sponsorjali | | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Íenerali | 14.00 | | 14.00 | 1,381.00 | 450.00 | (436.00) |
| 0070 | Fondi tal-Unjoni Ewropea | 0.00 | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **71,804.00** | **0.00** | **71,804.00** | **78,339.00** | **79,234.00** | **(7,430.00)** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | | |
| 0091 | Imæax tal-Bank | 591.00 | | 591.00 | 629.00 | 1,200.00 | (609.00) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | **591.00** | **0.00** | **591.00** | **629.00** | **1,200.00** | **(609.00)** |
| **0100** | **Íenerali** | | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | 0.00 | | | 0.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | - | | | 0.00 |
| 0141 | Insurance Claims | | | 0.00 | | | 0.00 |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| | **TOTAL** | **1,434,994.00** | **0.00** | **1,434,994.00** | **1,336,922.00** | **1,517,892.00** | **(82,898.00)** |

## 4.3. L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettal

| | | a | b | a+b | c | d | d-(a+b) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2020 ATTWALI JAN-DIC Eur** | **2020 MARBUTA JAN-DIC Eur** | **2020 TOTAL JAN-DIC Eur** | **2019 TOTAL Eur** | **2020 ESTIMI JAN-DIC Eur** | **VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 15,027.00 | | 15,027.00 | 13,692.00 | 15,027.00 | 0.00 |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 141,486.00 | | 141,486.00 | 123,596.00 | 141,486.00 | 0.00 |
| 1300 | Bonus | 11,772.00 | | 11,772.00 | 10,282.00 | 11,620.00 | (152.00) |
| 1400 | Dóul Supplimentari | 1,696.00 | | 1,696.00 | 1,454.00 | 1,454.00 | (242.00) |
| 1500 | Kontribuzzjoniję̧t tas-Sigurtà Soðjali | 13,039.00 | | 13,039.00 | 11,361.00 | 13,010.00 | (29.00) |
| 1600 | Konðessjonijiet ('Allowances') | 3,229.00 | | 3,229.00 | 3,143.00 | 3,229.00 | 0.00 |
| 1700 | Sahra | 989.00 | | 989.00 | 5,386.00 | 5,000.00 | 4,011.00 |
| 1800 | L-Onorarju tal-Kunsillieri | 22,600.00 | | 22,600.00 | 16,846.00 | 22,600.00 | 0.00 |
| | | **209,838.00** | **0.00** | **209,838.00** | **185,760.00** | **213,426.00** | **3,588.00** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xoæolijiet oóra** | | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-búonn (dawl/iEura/tel. etc.) | 18,136.00 | | 18,136.00 | 15,997.00 | 16,724.00 | (1,412.00) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 5,930.00 | | 5,930.00 | 6,616.00 | 3,644.00 | (2,286.00) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 133,746.00 | | 133,746.00 | 101,726.00 | 123,400.00 | (10,346.00) |
| 2400 | Kera | 2,025.00 | | 2,025.00 | 5,550.00 | 4,250.00 | 2,225.00 |
| 2500 | Sóubija f'Æaqdiet Inter/nazzjonali | 1,086.00 | | 1,086.00 | 1,418.00 | 2,000.00 | 914.00 |
| 2600 | Spejjeú ta' l-Uffiððju | 4,893.00 | | 4,893.00 | 5,527.00 | 6,300.00 | 1,407.00 |
| 2700 | Trasport | 11,995.00 | | 11,995.00 | 42,011.00 | 12,700.00 | 705.00 |
| 2800 | Safar u vvjaííar | 0.00 | | 0.00 | 1,246.00 | 3,300.00 | 3,300.00 |
| 2900 | Taærif lill-Publiku | 3,681.00 | | 3,681.00 | 16,753.00 | 15,000.00 | 11,319.00 |
| 3000 | Spejjeú ta' Kuntratti | 494,389.00 | | 494,389.00 | 510,363.00 | 619,581.00 | 125,192.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 21,236.00 | | 21,236.00 | 26,765.00 | 33,000.00 | 11,764.00 |
| 3200 | Taóríí | 2,300.00 | | 2,300.00 | 2,609.00 | 2,000.00 | (300.00) |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 45,718.00 | | 45,718.00 | 139,193.00 | 119,716.00 | 73,998.00 |
| 3400 | Spejjeú oóra li jinqalæu | 2,370.00 | | 2,370.00 | 3,451.00 | 2,250.00 | (120.00) |
| 3600 | LES Spejjez tal-Infurzar Lokali | 59.00 | | 59.00 | 172.00 | 325.00 | 266.00 |
| 3700 | Progetti tal-Unjoni Ewropea | 22,571.00 | | 22,571.00 | 13,487.00 | 24,886.00 | 2,315.00 |
| 3800 | Gemellaggi | 0.00 | | 0.00 | 4,917.00 | 10,500.00 | 10,500.00 |
| | | **770,135.00** | **0.00** | **770,135.00** | **897,801.00** | **999,576.00** | **229,441.00** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | - | | | - |
| 7100 | Bini | | | - | | | - |
| 7200 | Titjib | 857.00 | | 857.00 | 4,338.00 | 120,000.00 | 119,143.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 2,019.00 | | 2,019.00 | 12,908.00 | 18,500.00 | 16,481.00 |
| 7500 | Proíetti Speðjali | 14,741.00 | | 14,741.00 | 267,097.00 | 498,782.00 | 484,041.00 |
| | | **17,617.00** | **0.00** | **17,617.00** | **284,343.00** | **637,282.00** | **619,665.00** |
| | **TOTAL** | **997,590.00** | **0.00** | **997,590.00** | **1,367,904.00** | **1,850,284.00** | **852,694.00** |

### 6.1 HSBC Bank Savings Account

| Bank statement balance | €766,212.49 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/20 not appearing on bank statement | €- |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | €- |
| **Net bank balance** | **€766,212.49** |

| Bank book balance as of | €766,212.49 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/20 | €- |
| Less charges paid by31/12/20 | €- |
| **Net bank book balance** | **€766,212.49** |

### 6.2 HSBC Bank Current Account

| Bank statement balance | €1,164.69 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/20 not appearing on bank statement | €- |
| Less unpresented cheques | €7,804.03 |
| **Net bank balance** | **-€6,639.34** |

| Bank book balance as of | -€6,639.34 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/20 | €- |
| Less charges paid by31/12/20 | €- |
| **Net bank book balance** | **-€6,639.34** |

### 6.3 HSBC Bank Fixed Term Account - 3 Months

| Bank statement balance | €58,234.33 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/20 not appearing on bank statement | €- |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | €- |
| **Net bank balance** | **€58,234.33** |

| Bank book balance as of | €58,234.33 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/20 | €- |
| Less charges paid by31/12/20 | €- |
| **Net bank book balance** | **€58,234.33** |

### 6.4 HSBC Bank Fixed Term Account - 6 Months

| Bank statement balance | €174,703.00 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/20 not appearing on bank statement | €- |
| Less unpresented cheques | €- |
| **Net bank balance** | **€174,703.00** |

| Bank book balance as of | € 174,703.00 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/20 | €- |
| Less charges paid by31/12/20 | €- |
| **Net bank book balance** | **€174,703.00** |

### 6.5 BOV Savings Account

| Bank statement balance | €33,356.23 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/20 not appearing on bank statement | € - |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € - |
| **Net bank balance** | **€33,356.23** |

| Bank book balance as of | €33,356.23 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/20 | |
| Less charges paid by31/12/20 | €- |
| **Net bank book balance** | **€33,356.23** |

### 6.6 BOV Current Account

| Bank statement balance | €20.00 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/20 not appearing on bank statement | €- |
| Less unpresented cheques | € - |
| **Net bank balance** | **€20.00** |

| Bank book balance as of | €20.00 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/20 | €- |
| Less charges paid by31/12/20 | €- |
| **Net bank book balance** | **€20.00** |

### 6.9 BOV Bank Fixed Term Account - 3 Months

| Bank statement balance | €58,234.33 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/20 not appearing on bank statement | € - |
| Less withdrawals made by 31/12/14 not appearing on bank statement | € - |
| **Net bank balance** | **€58,234.33** |

| Bank book balance as of | €58,234.33 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/20 | € - |
| Less charges paid by31/12/20 | € - |
| **Net bank book balance** | **€58,234.33** |
| | |

### 6.10 BOV Bank Fixed Term Account - 6 Months

| Bank statement balance | €174,703.00 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/20 not appearing on bank statement | €- |
| Less unpresented cheques | €- |
| **Net bank balance** | **€174,703.00** |

| Bank book balance as of | €174,703.00 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/20 | €- |
| Less charges paid by31/12/20 | € - |
| **Net bank book balance** | **€174,703.00** |
| | |

Total Net Balance €1,258,824.04

____________________________ Carmel Debono – **Segretarju Eżekuttiv**

**Rapport Annwali tal-Uditur – Sena Finanzjarja 2019**

Idħol għaliħ permezz tal-link:

Microsoft Word - Mellieha Local Council Accounts 2020_afterAA (gov.mt)

**Rapport dwar il-ħidma tal-Kunsillieri kif ippreżentat minnhom stess skont l-Artiklu 33A(2) tal-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363)**

**Is-Sindku Dario Vella**

Is-sena 2020 kienet waħda fejn ħa tibqa' mfakkra bħala s-sena tal-Covid19. Sena fejn bdejna b'ottimiżmu kbir, iżda minħabba din il-pandemija kellna nħassru l-attivitàjiet kollha kulturali fil-kalendarju u b'hekk tlifna l-kuntatt soċjali li kien ikollna minn żmien għal żmien b'attività għall-familja kollha. Iżda għalkemm Covid19 ġabet magħha negattività, bħala Kunsill bqajna pożittivi u komplejna bil-ħidma tagħna qrib il-kommunità. F dan ir-rapport ħa nagħti dettalji tal-ħidma li saret minni bħala Sindku bejn Jannar u Diċembru 2020.

__Laqgħat u Attivitàjiet__

Fil-bidu tas-sena ilqajna għal darba oħra għal attività taż-żjara tas-Slaten Magi bħala parti minn Betlehem f' Għajnsielem. Għal sena oħra giet mtella' il-laqgħa annwali li ssir kull sena għar-residenti tal-Mellieħa u Manikata u tinżamm fis-sala tal-Kunsill gewwa l-Mellieħa kif ukoll fis-Sala Parrokkjali tal-Manikata. Attendejt ukoll għal-Laqgħa tas-Sindki li saret fil-Kamra tad-Deputati, fejn kull Sindku minn madwar Malta u Għawdex għamel il-punti tiegħu biex nkomplu naraw titjib fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali. L-aktar punti li kont għafast fuqhom huma li jissaħħaħ l-infurzar fuq skart illegali, li l-lokalitàjiet għandom jingħataw iktar widen fejn jidħlu żvilupp fil-lokalità stess u biex l-masġar tal-Aħrax jsir pjan ta' immanigjar biex jitrażżnu l-abbużi. Attendejt ukoll għal *Mayors Round Table* li kienet organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn ġie diskuss l-infurzar u spazji miftuħa. Attendejt ukoll għal numru ta' attivitàjiet li saru sa qabel ma ġie kkanċellat kollox minħabba l-pandemija, fosthom dawk ta' l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti - Mellieħa bl-isem "Ingawduħ u nieħdu ħsiebu flimkien" fejn sar tħawwil ta' sigar, *"Plant a tree"* attività li kienet organizzata mill-Kunsill, taħdita dwar *Cyber Bullying* li ġiet ogranizzata mill-Kunsill flimkien mal-Pulizija tal-Komunità, u oħrajn organizzati mill-għaqdiet tal-lokal. Attendejt ukoll għal konferenza stampa li saret ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, meta ġie mfakkar l-ewwel anniversarju mill-implimentazzjoni ta' dan il-proġett pilota. Kelli l-opportunità naqsam l-esperjenza li seħħet fil-Mellieħa bħala sindki ta' lokalitajiet oħra fejn ser jiġi ntrodott dan il-kunċett.

__Progetti u Ħidma.__

Matul sena 2020 bdejna wkoll ħidma f'numru ta' ġonna u *playing fields* madwar il-lokalità fejn saret il-manutenzjoni li kien hemm bżonn, fosthom ukoll funtani li kien ilhom ma jaħdmu snin. Dan sar grazzi għall-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, kif ukoll tal-FTZD kif ukoll tal-Cleansing & Maintenance Division. Fil-każ tal-aħħar gie iffirmat kuntratt magħhom ta' tliet snin għal aktar ħidma fil-lokalità tagħna. Kompliet ukoll il-ħidma ta' manutenzjoni madwar il-lokalità mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

F'Mejju 2020 wara numru ta' laqgħat u diskussjonijiet fit-tul nbeda il-progett tal-Parkeġġ ta' l-Għadira. Progett mill-isbaħ li jesa 'l fuq minn 350 vettura u li jiswa 'l fuq minn miljun euro. Sa l-aħħar tas-sena 2020 kien wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu.

Għall-ewwel darba fi żmien il-Milied grazzi għal-diskussjonijiet li kellna mar-Reġjun Tramuntana, kif ukoll Ministeru għat-Turiżmu żidna numru ta' toroq bid-dwal tal-Milied. Dan sar biex nippruvaw ntaffu ftit mill-atmosfera tal-Covid-19 u biex nidħlu iktar fl-ispirtu tal-festi tal-Milied.

Saret ukoll tnedija tal-ktieb "Fik Ittamaw Missiriejietna" fl-għeluq it-300 sena anniversarju mill-bini tal-Ark Trijonfali li hemm fid-daħla għall-Bitħa tas-Santwarju, miktub minn David Muscat.

__Pandemija Covid19__

Kif semmejt l-2020 ħa tibqa magħrufa għal pandemija li waqfet mhux biss lil pajjiżna iżda lid-dinja kollha. Fil-bidu ta' Marzu 2020 faqqa l-ewwel każ ta' Covid-19 f'pajjiżna. Wara ftit jiem daħlu restrizzjonijiet f pajjiżna biex dan il-virus ma jkomplix jinfirex. Għalkemm, sfortunatament kellna

nħasru l-attivitàjiet kollha, bħala Kunsill ħsibna biex nibqgħu għaddejin bil-ħidma pożittiva favur il-kommunità Melleħija. Ġew ikkanċellati wkoll il-festi esterni u interni u għall-ewwel darba wara għexieren ta' snin kellna Sajf kwiet u mingħajr festi u anke ftit li xejn turisti. Dieqa kbira li tara lokalità vojta u bla attivitàjiet ta' festi li jgħaqdu l-komunità Melleħija. Però bħala Kunsill rajna li nkunu ta' għajnuna wkoll għall-għaqdiet f'dawn iż-żmienijiet diffiċli wkoll. F'kuntatti mal-Cleansing & Maintenance Division ta' sikwit kien ikollna ħasil ta' toroq u anke disinfettar madwar il-lokalità. Waqqafna l-permessi kollha tal-ikkampjar sabiex insegwu d-direzzjonijiet mogħtija mid-Dipartiment tas-Saħħa, fejn imbagħad bdejna niftħu bil-mod skont d-direttivi li bdew jingħataw. Apparti hekk għalaqna l-aċċess għal żoni pubbliċi u rajna li jsir infurzar permezz tal-Pulizija tal-Kommunità. Ħloqna lista ta' entitajiet kummerċjali li baqgħu għaddejjin bil-ħidma kif ukoll dawk li bdew jaħdmu fuq bażi ta' *take away* u *deliveries*, li kienet ippublikata anke fuq il-paġna tal-Kunsill fil-media soċjali kif ukoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill. Is-seduti tal-Kunsill bdew isiru wkoll onlajn, filwaqt li x-xogħol baqa' għaddej normali biex inkunu ta' servizz għall-komunità kollha. Ta' dan nirringrazzja lill-impjegati tal-Kunsill għall-impenn u sagrifiċċji tagħhom f'dan ir-rigward.

Għeluq

Fis-Sena 2020 proprju fl-1 ta Lulju fakkarna l-ewwel sena ta' ħidma tat-Tmien Kunsill. Sena. li għalkemm bid-diffikuljiet kollha li għaddejna minnhom, bqajna sodi u b'ħidma qrib il-kommunità. Perfetti m'aħniex però nagħmlu dak kollu possibli biex naraw li l-lokalità tagħna tibqa' unika. Minn qalbi nirringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill Lokali ta' l-impenn u dedikazzjoni tagħhom għax-xogħol ta' kuljum, lil sħabi Kunsillieri kollha u lill-kommunità kollha tas-sapport.

Dario Vella - Sindku

**Il-Viċi Sindku John Buttigieg**

Matul is-sena 2020, minħabba l-pandemija l-ħidma tiegħi kienet waħda limitata ħafna, għalkemm fejn kien possibbli bqajt nagħti l-kontribut tiegħi permezz ta' laqgħat ħafna minnhom b'mod virtwali.

Fis-sena 2020 komplejt nippresiedi l-laqgħat tal-Kumitat *ad hoc* li twaqqaf speċifikament sabiex jistudja u jirrakkomanda rimedji bil-għan li tingħeleb il-konġestjoni tat-traffiku fi Triq Gorg Borg Olivier. B'riżultat ta' dan il-Kumitat, wara diskussjoni fost il-membri kollha tal-Kunsill, tressqet proposta fuq din il-materja lill-Transport Malta u l-Agenzija Infrastruttura Malta. Minkejja li għadda żmien biżżejjed, bqajna mingħajr risposta. Nittama li fi żmien li ġej naraw li tittieħed xi forma ta' deċiżjoni. B'riżultat ukoll ta' dan il-kumitat sar qbil li jiġu nstallati diversi *CCTV cameras* matul it-Triq Ġorġ Borġ Olivier, partikolarment f'dawk iż-żoni fejn ikun hemm il-konġestjoni tat-traffiku. Huwa ttamat li dawn il-*cameras* jibdew joperaw fl-aħħar xhur tas-sena 2021.

Bħala membru fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni attendejt dejjem il-laqgħat li kienu jiġu msejħa sabiex nevalwaw u nirrakkomandaw l-aħjar offerti li ġew sottomessi fuq diversi sejħiet li saru. Meta kien meħtieġ tajt il-kontribut tiegħi fil-preparazzjoni tad-dokument tal-offerti. Flimkien mal-membri l-oħra ta' dan il-Bord, dejjem ġibna l-interess tal-lokalità u li naraw illi dejjem nagħżlu l-aħjar offerti li kien ikollna.

F'dan l-istess perjodu kont nattendi b'mod regolari, għalkemm b'mod virtwali, tista' tgħid darba kull xahar il-laqgħat fil-Kumitat tar-Reġjun tat-Tramuntana u tal-Bord tal-Park tal-Majjistral. Il-minuti ta' dawn il-laqgħat kienu jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kunsill għal kull mistoqsija, kjarifika jew aktar informazzjoni mitluba mill-membri tal-Kunsill. Fejn kien hemm bżonn kont nesprimi l-pożizzjoni tal-Kunsill fuq ċerti materji li kienu jolqtu speċifikament il-lokalità tal-Mellieħa.

Apparti dawn il-laqgħat, matul din is-sena attendejt dejjem il-laqgħat tal-Kunsill u laqgħat oħra fejn kienet mitluba l-attendenza tiegħi. Dejjem tajt il-kontribut massimu tiegħi, dejjem fl-interess tar-residenti u l-lokalità.

John Buttigieg – Viċi Sindku

**Il-Kunsillier Marvin Abela**

Introduzzjoni

F'dawn il-paragrafi li ġejjin se nkun qed niġbor diversi aspetti tal-ħidma tiegħi bħala Kunsillier Lokali fil-Gvern Lokali (Kunsill Lokali) tal-Mellieħa li ġie elett fl-elezzjoni ta' Mejju 2019. Dan it-tmien Gvern Lokali ħa l-ġurament tal-ħatra f'Ġunju 2019 u jien bħala parti minn dan il-Gvern Lokali tajt is-sehem tiegħi kif ser ngħid aktar 'l isfel. Naturalment, hawnhekk se nsemmi l-aktar punti importanti tal-ħidma tiegħi flimkien ma' sħabi. Nara li nagħmel l-almu tiegħi biex ir-rwol ta' Kunsillier naqdih bl-aktar mod responsabbli u ġenwin, b'riżq ir-residenti tal-lokalità, f'kull ħin u ċirkostanza.

Il-ħidma tiegħi fis-setturi rispettivi li s-Sindku Dario Vella tani bħala responsabilità sentejn ilu huma, il-ħarsien u l-kura tal-annimali u s-settur kumerċjali tal-lokalità. F'sena diffiċli bħal din li għaddejna, u għadna għaddejjin minnha, kien ferm diffiċli biex wieħed seta jimplimenta programm ta' ħidma. F'ċirkostanzi bħal dawn rajt flimkien ma' sħabi l-Kunsilliera kollha li nwettaq dak kollu li iltaqgħu miegħu dawk li jirrigwarda r-responsabilitajiet imsemmija, fosthom:

Settur Kummerċjali

Fis-Settur Kumerċjali rajt li l-effetti tal-pandemija COVID 19, apparti r-ristrizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet tal-pajjiż biex ikun hemm kontroll fuq il-firxa tal-pandemija, minn naha tal-Kunsill ikun hemm kull tip ta' għajnuna biex l-effett ikun anqas ta' inkonvenjent possibbli, kemm għas-settur kummercjali kif ukoll għar-residenti tal-lokalità. Waħda mill-affarijiet illi proponejt hija biex fiż-żmien il-Milied it-toroq jiżżejnu u jinxtegħelu qabel iż-żmien li normalment jinxtegħlu. Dan għamiltu bil-hsieb biex tingħata ftit aktar ħajja fit-toroq tal-lokalità. Tlabt ukoll flimkien ma' sħabi l-Kunsilliera biex jiżdiedu t-toroq li jinxtegħelu fil-lokalità speċjalment fit-toroq fejn hemm l-aktar konċentrazzjoni ta' negozji, bħalma hi Triq il-Kbira. Ninnota b'sodisfazzjon li flimkien mal-Ministeru tat-Turizmu sar investiment u żdiedu t-toroq imżejna.

Bhala Kunsillier responsabbli mis-settur kummerċjali rajt li nżomm ruħi infurmat bil-miżuri kollha li s-sotto-Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier kien qiegħed jikkonsidra biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku f'din it-triq bl-inqas effett impatt fuq in-negozju fiż-żona. Dan għamiltu billi ipparteċipajt f'laqgħat ma' sħabi l-Kunsilliera biex insibu u nipproponi soluzzjoni kif jista' jopera t-trasport pubbliku li attwalment jgħaddu kollu miċ-ċentru tal-lokalità.

F'dan is-settur ukoll appoġġjajt il-konċessjoni temporanja li ngħatat sabiex jingħata aktar spazju pubbliku lis-sidien tar-ristoranti u bars sabiex ma tonqsilhomx il-kapaċità minħabba l-miżuri mal-pandemija.

Is-settur tal-harsien tal-Annimali.

Dan huwa settur fejn għal sena oħra tajt prijorità fil-ħidma tiegħi lejn il-ħarsien tal-qtates li jinsabu f'kolonji f'diversi postijiet fil-lokalità. B'sodisfazzjon nirringrazzja lis-Sindku u lil sħabi l-Kunsilliera kollha li b'mod unanimu approvajna s-somma ta' €2,000 sabiex il-maġġoranza tal-qtates jiġu msewwija *(neutered).*

Sitwazzjoni li ltqajna magħha kienet il-fatt li wahda mill-lukandi ewlenin fiż-żona tal-Għadira ser tiġi żviluppata mill-ġdid, illi jfisser li kolonja imdaqqsa ta' qtates ser ikollhom tiġi rilokata għal żona oħra. Sfortunatament ma kienx hemm post fejn dawn il-qtates jiġu rilokati, iżda bil-koperazzjoni tas-Sindku u l-istaff tal-Kunsill wasalna biex ressaqna proposta ħalli nagħmlu użu b'mod temporanju minn xi kmamar fl-Irziezet ta' Selmun. Tajjeb ngħid li għal din il-proposta kien hemm unanimità fid-deċizzjoni li ttieħdet f'dan ir-rigward.

Bħala Kunsillier responsabli mill-ħarsien tal-annimali, ħadt sehem ukoll biex bħala Kunsill sabiex jinkiseb finanzjament taħt l-Iskema LC Care, li permezz tagħhom niżguraw li l-qtates kollha li huma f'kolonji jingħataw il-ħarsien kollu possibbli, inkluż in-nutriment meħtieġ u *nuetering*. Ressaqt ukoll proposta sabiex jitwaħħlu tabelli li jwissu lis-sewwieqa dwar il-preżenza ta' kolonji ta' qtates f'ċerti iż-żoni.

Fil-bidu nett tal-mandat tiegħi ħdimt u fassalt proġett ta' *sheltering* għall-qtates biswit il-Park tal-Familja f'Selmun, minħabba dewmien fl-ipproċessar tal-permess da parti tal-Awtorità tal-Ippjanar, laħaq skada l-perjodu ta' żmien li stajna nibbenefikaw minn dawn il-fondi. Minkejja dan, ser nara li dan il-progett jitwettaq fis-snin li ġejjin.

Il-pandemija COVID 19 kienet ir-raġuni ukoll għall-fatt li għal sena oħra kelli nissospendi l-attività Animal Fest, li fiha kien ser ikun hemm element qawwi ta' edukazzjoni dwar il-ħarsien tal-annimali. Nittama li jaslu zminijiet aħjar fejn attivitajiet bħal dawn jerġgħu jibdew isiru fuq bazi annwali.

Ressaqt ukoll diversi suġġeriment li għaddewli r-residenti tal-lokalita, fejn fil-maggoranza tagħhom ġew imwettqa, grazzi għall-ħidma tal-ħaddiema u/jew kuntratturi tal-Kunsill. Fost dawn kien hemm sinjali tat-toroq, *traffic calmers,* kwistjonijiet ta' indafa, fost oħrajn.

Konkluzjoni

Filwaqt li huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija li nirraprezenta lir-residenti tal-lokalità, inħares il quddiem biex inkompli nwettaq il-ħidma tiegħi fid-dekasteri li ġejt fdat bihom, kif ukoll f'dak kollu li jista' jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti u nsostnuħ bħala Destinazzjoni ta Eċċellenza (titlu mogħti mill-Unjoni Ewropeja lill-Mellieħa). Dan nistgħu inkomplu nwetquħ ilkoll flimkien, billi nidħlu għal progetti li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti. Ma għandix dubju li dawn iż-żminijiet ta' sfidi ser noħorġu minnhom aktar b'saħħitna bl-għaqal ta' kulħadd u hekk titkompla l-ħidma u l-attività li aħna l-Melleħin konna drajna fiha.

Marvin Abela - Kunsillieri

**Il-Kunsillier Emvin Bartolo**

Trasport Pubbliku u Immaniggjar tat-Traffiku

Flimkien mas-Sindku, il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv, kull meta kont mitlub, attendejt għal diversi laqgħat msejħa minn Transport Malta jew Infrastructure Malta fejn kienu jinvolvu arrangamenti jew xogħolijiet fit-toroq biex jilqgħu għal talbiet minn diversi entitajiet. Ma' dawn kienu diskussi ukoll xi arrangamenti mitluba minn xi residenti jew ħtigijiet oħra fil-lokalità.

Dwar il-periklu li jezisti fi Triq il-Mejjiesa k/m Trejqet il-Ħarrub, waqt laqgħa tal-Kunsill jiena kont aċċennajt li fil-post imsemmi faċilment jistgħu jsiru kolliżjonijiet, minħabba li sewwieqa fi Trejqet il-Ħarrub ikollhom tendenza li jibqgħu telgħin fi Triq il-Mejjiesa mingħajr ma jieqfu. Għaldaqstant kont ergajt ipproponejt li jsiru marki tal-karreġġjata STOP jew GIVE WAY fi Triq il-Mejjiesa, kif ukoll biex flimkien ma' uffiċċjali minn Transport Malta, issir laqgħa fuq il-post biex naraw jekk tistax issir centre-strip zgħira li ma tkunx tippermetti li karozzi telgħin minn Trejqet il-Ħarrub jaqtgħu għad-dritt għal- Triq il-Mejjiesa. Il-Kunsill qabel li għandha ssir proposta f'dan is-sens lil Transport Malta.

Sabiex jigi mnaqqas il-volum tat-traffiku li attwalment qed jgħaddi mill-Manikata bqajt kontinwament intenni li għandu jitkompla l-programm tal-TEN-T u ssir triq li tgħaqqad Triq Lewis Wettinger u l-*bypass* ta' San Pawl il-Baħar. B'din il-proposta tkun qiegħda tigi ndirizzata wkoll il-problema ta' ħrug tat-traffiku mill-Mellieħa speċjalment fi tmiem il-gimgħa u matul ix-xhur tas-Sajf. Zgur li ħafna huma konxji li, primarjament, il-problema tinħoloq kontinwament bil-bottleneck f'Telgħet ix-Xemxija. Biex l-affarijiet isiru aktar gravi, wieħed irid jirrimarka ukoll li f'tul ta' inqas minn kilometru hemm 4 settijiet ta' Traffic Lights li jkomplu inaqqsu mill-passagg liberu u kontinwu tat-traffiku. Hemm problema ukoll ta' nuqqas ta' infurzar fil-bajja tax-Xemxija, meta karozzi gejjin min-naħa tal-Mellieħa jaqsmu għal fejn il-gabbana li hemm f'nofs il-bajja, minflok ma jduru mar-roundabout. Ovvjament wieħed irid jifhem li dawn iz-zewg kawzi ma jiddependux u ma jaqgħux fil-gurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Mellieħa.

Waqt laqgħa tal-Kunsill kif ukoll permezz ta' email, kont ressaqt proposta biex il-Kunsill izomm laqgħa mal-awtoritajiet konċernati, biex jitħejja pjan ta' kontingenza fl-eventwalita' ta' xi inċident bejn ir-roundabout tal-bajja tax-Xemxija u dik ta' Selmun. Meta jkun hemm inċident serju f'din il-parti tat-triq, din ikollha tingħalaq; bil-konsegwenza li jinħoloq inkonvenjent kbir għall-ħrug minn u d-dħul lejn il-Mellieħa. Din il-proposta kienet tinkludi, fost oħrajn, li f'ċirkostanza simili, it-triq tal-Mizieb tinzamm one-way lejn Triq Għajn Tuffieħa filwaqt li Triq il-Mellieħa tinzamm one-way lejn il-Mellieħa. Kien hemm okkazzjonijiet meta servizzi ta' emergenza, bħalma hi ambulanza, weħlu għal ħin twil fil-kongestjoni li kien hemm.

Fil-bidu tas-sena kont ressaqt proposta biex issir revizjoni tal-immaniggjar tat-traffiku fl-inħawi ta' Triq Salvu Camilleri, Triq it-Tabib Grech Attard, Triq iz-Znuber u parti minn Triq ir-Rattan biex ikun hemm ċirkolazzjoni aħjar ta' traffiku fl-inħawi, izda din it-talba ma ntlaqgħetx.

Fil-passat kont tkellimt dwar l-ispustjar ta' *pedestrian crossing* fi Triq il-Marfa wara talba li saret minn xi residenti. F'dan is-sens kont ipproponejt li l-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq il-Marfa, qrib it-triq li tagħti għall-Moll tat-Tunnara tiġi spusstjata iktar lejn ir-*roundabout* sabiex tkun iktar viżibbli għas-sewwieqa ġejjin mid-direzzjoni tas-Sellum u għaldaqstant jonqos il-periklu għal min ikun qiegħed jaqsam it-triq. Kont gbidt l-attenzjoni ukoll li l-*belisha beacon* fuq in-naħa tal-baħar qatt ma sar. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Transport Malta sabiex din tiġi spusstjata kif propost, kif ukoll issir *buildout* fuq kull naħa bil-*belisha beacon*. Irrid hawnhekk nirrimarka li, minkejja l-approvazzjoni minn Trasport Malta, dan ix-xogħol baqa' ma sarx.

Wara li f'Ottubru 2019, flimkien mas-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kont attendejt għal laqgħa li saret ma' Projects Malta dwar Titjib fil-parkeġġi tal-Għadira għaliha (ref. PA 11231/18), jiena ergajt tennejt l-appell tiegħi, biex isir skavar sal-livell l-aktar baxx tal-istess parkegg, bil-għan li dan jieħu numru ferm akbar ta' karozzi u nevitaw problem ta' kongestjoni li jinqalgħu fl-inħawi.

*Community Policing* u Materji oħra li Jinvolvu il-Pulizija

Wara t-tnedija tal-progett pilota tal-*Community Policing* fil-lokalità, nistgħu b'sodisfazzjon ngħidu li dan kien esperiment li rnexxa u permezz tiegħu r-residenti bdew iħossu li huma eqreb lejn il-membri li jiffurmaw dan it-tim. Sakemm iċ-ċirkostanzi ikunu jippermettu, jiena bqajt inzomm kuntatt kontinwu mal-membri li jiffurmaw dan il-grupp u flimkien ħdimna biex reggħet giet introdotta n-

*Neighbourhood Watch* fiz-zona ta' *Santa Marija Estate* li jidher li qiegħda tħalli frott. Il-kuntatt kontinwu gie msaħħaħ ukoll permezz tat-twaqqif ta' *WhatsApp chat* bl-isem ta' Community Related NHW fejn, il-membri fi ħdanu, iressqu l-ilmenti tagħhom u tittieħed azzjoni b'mod immedjat. Hawnhekk, ta' min isemmi li, fuq inizjattiva ta' residenta minn Santa Maria Estate, f'xi okkazzjonijiet speċjali, il-Pulizija tal-Komunita' qassmu figolli u xi ħelu ieħor tal-okkazzjoni li għamlet din l-istess persuna, lil resident anzjani tal-inħawi.

Minn zmien għal zmien, il-Kunsill jingħata informazzjoni dwar il-ħidma tal-pulizija waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Dawn il-pulizija, minbarra x-xogħol ta' rutina tagħhom u rondi frekwenti madwar il-lokalità, għenu ħafna fix-xogħol ta' monitoragg relatat ma' kontravenzjonijiet tar-regolamenti maħruga mill-Awtoritajiet tas-Saħħa b'rabta mal-pandemija tal-Covid19.

Fl-ewwel xahrejn tas-sena, flimkien mal-Kunsilliera Rebecca Bartolo Cutajar kont assistejt fl-ezerċizzju ta' *Environment Visual Audit f'Santa Marija Estate,* li permezz tiegħu gew identifikati fatturi li jikkawżaw nuqqas ta' sigurtà f'din iż-żona. Wara li sar dan l-ezerċizzju, sar kuntatt ma' diversi resident biex jirrangaw xi nkonvenjenti, fosthom zbir ta' sigar li ħargu fit-triq u anke xi kaptelli ta' servizzi li kienu mkissrin. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill ħa ħsieb iz-zbir ta' sigar fiz-zoni mhux mibnija, bħal per ezempju Triq Għajn Zejtuna u Triq il-Qasab.

Flimkien ma' kuntistabbli mit-tim tal-Pulizija tal-Komunita', kont bdejt ezerċizzju ta' *traffic-audit* fil-qalba tal-lokalità, imma sfortunatament dan l-ezerċizzju ma tkompliex minħabba ċirkostanzi li nqalgħu bħala rizultat tal-pandemija tal-Covid19 li ovvjament kienu jesigu li s-servizzi tal-istess pulizija kienu meħtiega aktar fil-qasam tal-infurzar. Bħala mizura biex tkompli tigi mħarsa s-igurta' tar-residenti, għamilt talba biex jizdied id-dawl fi Triq iz-Zebbug u jinbidlu d-dwal li hemm għall tip *"whip type"* kif hemm fit-toroq l-oħrajn ta' Santa Maria Estate. Fil-fatt din it-talba giet milqugħa mill-Kunsill.

Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-Offerti

Bħala membru fuq dan il-kumitat nieħu sehem attiv ħafna fid-diskussjonijiet li jkun hemm dwar l-evalwazzjoni ta' kull offerta. B'mod naturali nuza l-esperjenza li għandi f'dan il-qasam minħabba li ili fuq dan il-kumitat minn meta gejt elett fil-Kunsill fl-1999. Barra minn hekk nuza ukoll l-għarfien li jiena ksibt min-natura tax-xogħol tiegħi fuq progetti li ħdimt fuqhom. Nagħti l-għajnuna tiegħi fi kwazi l-oqsma kollha tal-iskrutinju meħtieg.

Ko-ordinazzjoni tal-Festi Reliġjużi – Matul is-sena koperta b'dan ir-rapport, ma hemmx wisq x'wieħed jista' jirraporta dwar dan il-qasam, minħabba li ma sarux Festi u Attivitajiet tal-massa, kawza tal-pandemija.

Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier

Matul din is-sena jiena komplejt nagħti sehmi fix-xogħol ta' dan il-kumitat, b'attendenza regolari kif ukoll il-prezenza tiegħi f'laqgħat li jsiru b'rabta mas-suggett. Inzammu laqgħat mal-awtoritaiet konċernati sabiex xi rotot tat-trasport pubbliku ma jibqgħux jgħaddu miċ-ċentru tal-Mellieħa. Fost il-proposti li qegħdin jigu kunsidrati, hemm il-ħolqien ta' *bus-shelter* imdaqqas, speċi ta' *interchange* fid-dahla ta' Selmun, biex jiehu s-servizz ta' dawk ir-rotot li se jgħaddu minn Triq Lewis Wettinger u Dawret il-Mellieha, jigifieri ir-rotot 49, 221, 222, X1, X1A u X1B. Barra minn hekk qegħdin isiru thejjijiet biex tohrog sejha għall-offerti għat-tqegħid ta' *CCTV cameras* biex jigu kontrollati il-parkegg bil-hinijiet, l-*Un/Loading bays* u ż-żoni tall-Keep Clear fi Triq Gorg Borg Olivier. Inżammet laqgħa ukoll mal-GRTU dwar il-hinijiet tad-deliveries biex jonqos l-inkonvenjent fil-hinijiet li fihom it-tragitt tal-vetturi ikun ferm qawwi.

Kumment ġenerali fuq materji ohra

B'mod regolari niehu sehem attiv fid-diskusskonijiet li jsiru, kemm waqt laqgħat ufficcjali tal-Kunsill u anke laqgħat ohra li jsiru ma' setturi differenti. Inwassal ukoll il-vuci ta' resdienti li jkollhom talbiet u htigijiet ohra mill-Kunsill Lokali. Bhala eżempju, nista' nsemmi l-inkonvenjent li qiegħda ssofri familja fi Triq Għajn Żejtuna minħabba dħul ta' ilma meta jkollna xita qawwija f'ħin qasir, minkejja *culvert* eżistenti li ma jlaħħaqx mal-volum ta' ilma li jinżel mit-triq imsemmija. Inkonvenjent simili jeżisti ukoll fil-parti ta' gewwa ta' Triq il-Qortin, faccata ta' Triq Willam Lassell.

F'laqgħa oħra jiena ergajt għamilt accenn għall-ispustjar tal-pedestrian crossing fi Triq il-Marfa, biswit il-kumpless Tunny Net, bil-għan li jigi evitat periklu minħabba n-nuqqas ta' viżibilita' f'din

il-parti tat-triq. Kont preżenti ukoll għall-laqgħat li saru mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-problemi eżistenti fis-sistema tad-drenagg f'Santa Maria Estate u l-problema ta' access ta' xi *manholes* fl-inħawi.

Emvin Bartolo – Kunsillier

**Il-Kunsilliera Rebecca Bartolo Cutajar**

Rapport tas-sena 2020 li jiġbor il-ħidma tiegħi fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Sena li ġabet sfidi ġodda ta' kif għandu jopera l-Kunsill Lokali, u fejn sfortunatament rajna ħafna mill-attivitaijet skedati kellhom jitħassru wara li daħal l-ewwel każ fis-7 ta' Marzu 2020. Bħala kunsilliera, b'responsabbilta', rajt kif stajt nkun ta' għajnuna lejn ir-residenti waqt il-pandemija Covid-19, speċjalment dawk ir-residenti li huma anzjani, kif ukoll dawk li huma vulnerabbli. Dan għamiltu kemm fejn jidħol xiri mill-ħwienet, kif ukoll billi nżomm kuntatt b'telefonati ma' dawk il-persuni li jgħixu weħidhom.

Apparti mill-laqgħat tal-Kunsill Lokali, dejjem rajt li nattendi diversi laqgħat oħrajn bħal dawk organizzati mill-AKL, u oħrajn li jinvolvu l-lokalità tagħna. Hawn taħt se nkun qed insemmi l-aktar punti mportanti tal-ħidma tiegħi bħala kunsilliera fil-Mellieħa, il-Manikata, s-Selmun u l-Għadira. Flimkien ma' dan ix-xogħol isir xogħol ieħor importanti ta' kuljum fil-lokalità. Dan jinkludi li nkun għajnuna ta' kuljum lir-residenti li jagħmlu kuntatt miegħi fuq rapport, ilment, suġġeriment, għall-għajnuna jew għall-informazzjoni.

<u>Tindif volontarju</u>

Fejn jidħol tindif volontarju, l-pjan għas-sena 2020 kien bħal dak ta' l-2019 (Lulju-Diċembru), li jkun hemm *clean-ups* ta'spiss fil-lokalità tagħna, organizzati minni bħala kunsilliera b'din ir-responsabbilta'.

Nhar is-Sibt 8 ta' Frar 2020, organizzajt *clean-up* li saret fl-inħawi tal-Fortizza ta' Campbell f'Selmun, fejn ħadu sehem 35 persuna. Waqt il-*clean-up* tkellimt mat-tfal preżenti fuq il-ħsara kbira li qed isseħħ fl-ambjent naturali bil-'*littering*'. Ippreżentajt kull tifel u tifla preżenti b'ċertifikat ta' parteċipazzjoni fil-*clean-up*. Kien proprju dak in-nhar li żewġ persuni; Albert Attard u Daniela Cini iltaqgħu waqt din il-*clean-up*, u b'pjaċir ngħid li fforma grupp voluntarju fil-lokalità tagħna bl-isem ta' *For a Better Environment* li madwar sena wara, fi Frar 2021, ingħaqad ma' Din l-Art Ħelwa biex tiġi ffurmata l-għaqda Din l-Art Ħelwa – Mellieħa. Għamilt talba lill-Kunsill biex jgħin lil dan il-grupp billi jipprovdilhom sitt *litter pickers* u *first aid box*, kif ukoll ġbir tal-iskart li jkunu ġabru.

Il-*clean-up* li kien imiss kellha ssir fix-xagħra li hemm bejn Triq il-Plejju u Triq in-Naħal, nhar is-Sibt, 25 ta' April 2020, però sfortunatament din kellha titħassar minħabba l-pandemija Covid-19.

Ipproponejt li ssir *clean-up* oħra fiż-żoni tal-Marfa u ċ-Ċirkewwa fuq in-naħa tal-baħar sabiex jinġabar il-plastik u skart ieħor li jista' jispiċċa fil-baħar. Issuġġerejt li din tiġi kordinata flimkien mal-Kunsillier G. Micallef, peress li l-indafa tax-xtut taqa' fir-responsabiltà tiegħu.

Fl-18 ta' Lulju 2020 saret ukoll *clean-up* fl-Aħrax tat-Tunnara, flimkien mal-Outdoor Recreation and Camping Association (ORCA). Madwar 20 persuna ħadu sehem.

Attendejt diversi attivitajiet marbuta ma' *clean-ups* fil-lokalità, fosthom il-*World Clean-Up Day* li saret l-Għadira fid-19 ta' Settembru 2020.

Laqgħat oħra saru mal-grupp *"For a Better Environment"* fejn spjegaw l-pjanijiet tagħhom dwar il-ħarsien tal-ambjent u siti storiċi fil-lokalità.

<u>Tħawwil ta' siġar</u>

Saru laqgħat ma' persuni mill-Għaqda Siġar Maltin u *Grow 10 Trees Project* sabiex naraw il-possibiltà li jitħawwlu aktar siġar u arbuxxelli fil-lokalità tagħna. Infatti waħda mill-ewwel attivittajiet ta' tħawwil ta' siġar saret fil-Park tal-Majjistral fejn ħawwilna mitt (100) siġra. Din l-attivita ġiet organizata minni flimkien ma' "*Grow 10 Trees Project*"u saret fis-7 ta' Marzu 2020, bil-parteċipazzjoni ta' 57 persuna.

Tindif fi Triq in-Naħal – bejn Taraġ il-Baqquniera u Taraġ il-Landiera, liema parti għadha mhijiex żviluppata. Ipproponejt li din l-art titnaddaf mill-iskart li hemm fiha, jinqata' l-ħaxix, u jitħawwlu xi arbuxxelli.

<u>*Bins* għall-*filters* tas-sigaretti</u>

Lejn l-aħħar tas-sena 2019 kont għamilt proposta sabiex jitwaħlu *bins* madwar il-lokalità għall-*filters* tas-sigaretti. F'Jannar tal-2020 kont ipproponejt li dawn jitwaħħlu fil-postijiet li jidhru hawn taħt:

- Triq il-Kbira (*bus stop* faċċata ta' Triq il-Fortizza);
- Belvedere tas-Sur;

- Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;
- *Bus stop* fi Triq il- Marfa k/m Dawret it-Tunnara;
- *Bus stop* fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq Adenau;
- *Bus stop* fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq il-Qortin;
- *Bus stop* fi Triq il-Marfa faċċata ta' Dawret il-Mellieħa; u
- *Bus stop* faċċata ta' Triq in-Naħal;
- Triq il-Marfa bejn il-Moll tat-Tunnara; u
- Dawret il-Mellieħa.

L-iskart

- Kampanja dwar is-separazzjoni tal-iskart - Fit-28 ta' Frar 2020 kelli laqgħa ma' Sur Matthew Muscat mill-WasteServ, fejn fost materji oħra ġie diskuss il-post fejn qed jipparkja it-trakk illi jiġbor polystyrene (jablo), plastik, ħġieġ, karta, kartun, metal, żejt tat-tisjir, bozoz, u tessuti, fost oħrajn. Attwalment dan kien qiegħed jiġi pparkjart f'Misraħ il-Parroċċa, fejn il-konkorrenza mill-pubbliku kienet baxxa ħafna. Fl-istess laqgħa ġie propost li t-trakk jiġi pparkjat fejn ikun aktar viżibbli mill-pubbliku. Kien miftiehem ukoll li tinġabar lista ta' residenti li għadhom ma ġabrux il-*bins* għas-separazzjoni tal-iskart sabiex jintalbu lill-Wasteserv u jkunu jistgħu jingħataw mill-uffiċċju tal-Kunsill.
- Ġbir ta' skart domestiku minn Triq id-**Deru –** Saru laqgħat flimkien mas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-kuntrattur u l-iżviluppatur rigward il-blokka Southridge ta' Triq id-Deru, li tħaddan fiha 'l fuq minn 150 unit residenzjali wara li kien qed ikollhom il-problemi bl-iskart quddiem il-binja sa kemm din il-problema ssolviet.
- Laqgħat mal-kuntratturi u kuntatt ta' kważi kuljum fejn jidħol ġbir u problemi ta' skart, qtugħ ta' ħaxix ħażin, tindif ta' turġien u toroq, ġonna, u dak kollu li jaqa' fir-responsabbilta' ta' dawn il-kuntratturi.
- *Bring-in-Sites* **-** Frekwenza tat-tbattil tal-*bring-in site*, indafa fil-madwar u cameras
- Spetturi ta' Ambjent Malta **-** dawn l-uffiċjali jduru żoni rurali fil-lokalità u

  jirrappurtaw ksur tar-regolamenti bħalma huwa kkampjar u *barbecues* f'postijiet mhux

  awtorizzati, rimi ta' skart, *offroading* eċċ. L-Ambjent Malta kelmuni rigward il-kmamar ta' Selmun, sabiex jibdew jintużaw minn dawn l-istess *rangers* li jkunu qegħdin jaħdmu fil-lokalità. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.
- Tabelli ġodda *'Do Not Litter'* twaħħlu f'għaxar postijiet mhux urbani fil-lokalità.

*Bins* għall-iskart tal-klieb

- Rajt li jkollna aktar *bins* li jiġu nstallati madwar il-lokalità; u
- Ippropponejt li jitwaħħlu tabelli ġodda dwar il-ħmieġ tal-klieb fit-toroq, b'disinn ġdid li ntogħġob mill-kunsilliera kollha.

Periklu fil-Lokalità

- Residenti kelmuni rigward il-periklu fi Triq Snajjin k/m Triq Adenau, fejn fil-post imsemmi jitneħħa l-periklu kkawżat minn spazju li tħalla bejn puġġaman u l-faċċata tal-binja bl-isem "Viewpoint" fi Triq Snajjin. L-iżviluppaturi tal-binja ntalbu sabiex ineħħu l-periklu u fil-fatt dawn għalqu l-ispazju li kien hemm.
- Fil-25 ta' Frar 2020 ġara inċident ikraħ ġewwa Paradise Bay fejn trakk waqa' diversi metri , u għalhekk ipproponejt li jsir *crash barrier* tal-ħadid sabiex tilqa' għal dan it-tip ta' inċidenti.
- Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena – Dan it-taraġ kien ingħalaq għall-pubbliku minħabba li l-kuntrattur għabba t-taraġ bil-materjal tal-kostruzzjoni u b'hekk żied il-periklu li jista' jaqa'. Waqt li kien qed isir l-*Environment Visual Audit* f'Santa Marija Estate mal-Pulizija tal-Komunità, flimkien mal-Kunsillier E.Bartolo, kellimna lill-iżviluppatur, u matul

is-sena 2020 bqajt f'kuntatt mar-residenti biex inżommhom infurmati fuq meta għandu jitlesta x-xogħol.

- Taraġ il-Baqquniera – Dan it-taraġ huwa perikoluż għaliex m'għandux puġġaman, filwaqt li tħallew briks fuq naħa waħda tiegħu. Ippoponejt li jsir xi ħaġa biex nevitaw korriment.
- Puġġaman fil-Marfa - Iċ-ċint li hemm mal-ġenb tat-triq fil-Marfa huwa ta' żewġ filati u għaldaqstant ipproponejt li dan jogħla sabiex joffri aktar siġurtà għal min jiffrekwenta l-post billi jitkompla b'puġġaman bħal dak li ġej mill-*promenade* ta' Triq iċ-Ċirkewwa, li jikkonsisti minn ċint tal-konkos b'puġġaman tal-ħadid fuqu.
- Sewqan perikoluż fi Triq Wied Musa - Issuġġerejt li ssir *speed hump* fit-triq imsemmija qrib id-daħla għan-Noah's Arc Animal Sanctuary. Dan peress li spiss ikun hemm voluntiera li jaqsmu Triq Wied Musa biex imorru jdawwru l-klieb. It-triq tikkonsisti minn tlajja u nżul u għalhekk wieħed ma jkunx qed jara vetturi li jkunu ġejjin fid-direzzjoni tiegħu.
- Passaġġ bejn Triq Dun Franġisk Sciberras u Triq il-Marfa - Ġbit l-attenzjoni li l-passaġġ imsemmi huwa miksi biż-żrar tal-qawwi u qed jispiċċa fit-taraġ jew fuq l-asfalt tat-triq.
- *Cats' Eyes* fi Triq il-Mellieħa u toroq oħra mhux urbani fil-lokalità – Dawn it-toroq użati mit-traffiku li mhumiex imdawwla bil-lejl, bħalma huma Triq il-Wilġa u Triq il-Mellieħa għandhom ikunu mgħammra bil-*cats eyes* sabiex ikunu jidhru b'mod ċar it-truf tal-karreġġjata. Toroq oħra huma Triq l-Armier, Triq Ta' Msid, u Triq Ramlet il-Qortin.
- Triq il-Mellieħa - Fil-parti ta' fuq tat-telgħa ta' Triq il-Mellieħa pproponejt li għandha ssir *crash barrier* bħal dik li hemm fuq nett.
- Triq il-Mitħna l-Ġdida k/m Triq Sant' Anna - Fejn teżisti telgħa wieqfa bil-wiċċ tat-triq jiżloq speċjalment fix-xita u allura pproponejt li jsir *scarifying* tal-asfalt.

Għotja ta' maskri li jipprevjenu l-infezzjoni – Covid-19

L-entità kummerċjali *Norwex Ltd* għamlet kuntatt miegħi u mal-kunsillier I.Castillo, sabiex tesprimi x-xewqa li tagħti numri ta' maskri, b'kollox 14,000 maskra, lir-residenti tal-lokalità biex jilqgħu għall-infezzjoni mill-coronavirus. Ipproponejt li dawn jitqassmu minn negozji li jbiegħu oġġetti essenzjali, kif ukoll lill-persuni nvoluti fit-tqassim tal-ikel fid-djar. Flimkien mal-kunsillier I.Castillo għamilna lista ta'negożji li ser jibdew joperaw skont l-avviż legali maħruġ mill-awtoritajiet tas-Saħħa. Ġie propost li dawn jitqassmu fil-ħwienet tat-*take-away* u ristoranti li jqassmu l-ikel fid-djar, fil-ħwienet tal-merċa u spiżeriji, u negozji oħra.

Ħidma mal-Pulizija tal-Komunità

Ħdimt fil-qrib mal-Pulizija tal-Komunità, kemm fejn jidħlu rapporti lili mir-residenti li jkunu għal Pulizija tal-Komunità, kif ukoll fuq proġetti bħal ma kien dak tal-*Environment Visual Audit* fiż-żona ta' Santa Marija Estate fejn flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo assistejna lill-kuntistabbli responsabbli miż-żona fi ħdan it-tim tal-Pulizija tal-Komunità sabiex issir dan ir-rapport, fejn ġew identifikati numru ta' fatturi li jeħtieġ jiġu trattati.

Laqgħa oħra li saret miegħi flimkien ma' delegazzjoni mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa u l-Pulizija tal-Komunità kienet dwar l-indafa u kontroll fuq l-ikkampjar ġewwa l-Aħrax fejn ġie determinat kif jista' isir aktar infurzar tal-*bye-laws* u liġijiet oħra relevanti mas-suġġett.

Ipparkjar ħażin

- **Triq l-Iżbark tal-Franċiżi –** Fis-sena 2019 il-kunsill ma qabilx miegħi li għandhom jitwaħħlu l-*bollards* quddiem il-Valyou Supermarket, bejn Triq il-Fortizza u Triq in-Nases, peress li r-restrizzjonijiet eżistenti huma ċari biżżejjed. Fl-2020 erġajt tlabt li din id-deċiżjoni tiġi rikonsidrata peress li l-linji sofor qed jiġu njorati u għaldaqstant tlabt li jitwaħħlu *bollards* u tabelli *No Stopping*.
- **Ipparkjar mal-*bring-in site* tal-Armier -** Kien qiegħed ikun diffiċli sabiex wieħed jagħmel użu mill-faċilità msemmija minħabba vetturi pparkjati magħha. Din il-prattika anke qed ixxekkel it-tbattil tal-istess i-BINs. Il-Kunsill qabel li jsiru sinjali tal-karreġġjata *Keep Clear* flimkien ma' tabella li tindika dan.
- Ingombru fuq il-Moll tat-Tunnara **-** Ġbit l-attenzjoni li l-moll imsemmi qed ikun ingumbrat

b'vetturi u karrijiet b'tali mod li qed jixxekkel l-użu tas-*slipway*. Il-Kunsill kien tal-fehma li jeħtieġ li jkun hemm aktar infurzar kostanti.

- Ipparkjar ta' *caravans* qrib fi Triq ir-Ramla tal-Bir – Matul is-Sajf 2020 ġbit l-attenzjoni li għadd ta' *caravans* qed jiġu pparkjati fit-triq imsemmija qrib id-daħla tal-lukanda Ramla Bay. Il-Kunsill innota li dawn jinsabu fuq art pubblika u għalhekk għandu jsir rapport mal-Awtorità tal-Artijiet sabiex jittieħdu passi minn naħa tagħha.

Studju dwar tniġġis mill-ħoss – Kien ta' pjaċir tiegħi illi niltaqa' ma' student universitarju sabiex ngħin fl-istudju tiegħu dwar il-livell tal-ħoss fit-toroq l-aktar traffikużi fil-lokalità tagħna. Il-persuna konċernata talbet assistenza biex jiġu jdentifikati l-postijiet fejn ikun jista' jitpoġġa t-tagħmir meħtieġ, misluf mill-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent.

Kulur fil-lokalità – Dan jista' jsir billi ikun hemm tqegħid ta' madum ornamentali f'turġien pubbliċi. Staqsiet dwar il-possibiltà li turġien pubbliċi fil-qalba urbana tal-lokalità jiġu mżejna b'madum ornamentali sabiex titneħħa d-dehra tal-konkos. Il-Kunsill qabel li ssir talba għal permess lill-Awtorità tal-Ippjanar, partikularment minħabba li din tinvolvi ż-Żona tal-Konservazzjoni Urbana (UCA).

Qtajja' mhux mibnija – Qtajja' mhux mibnija li qedgħin jagħtu dehra kerha u allura kien għalhekk li bdejt niġbor lista ta' dawn il-postijiet bil-għan li tittieħed azzjoni dwarhom, possibilment mas-sidien. Fosthom kien hemm ta' Triq il-Masrija, kif ukoll ta' Triq is-Salib.

Skema dwar manutenzjoni ta' kompjuters għar-residenti – Proposta li għamilt rigward skema ta' manutenzjoni ta' kompjuters għar-residenti li jinkludu; Manutenzjoni Ġenerali, Tindif tal-hardware, Ifformattjar mill-ġdid ta' *hard drives*, Tneħħija ta' *viruses*, u Installazzjoni ta' *software* kontra l-*viruses*.

Rebecca Bartolo Cutajar - Kunsilliera

**Il-Kunsilliera Annabelle Brincat Stellini**

Peress li din is-sena kellna restrizjonijiet minħabba l-pandemija ta' Covid-19 minn Frar 'il quddiem l-attivitajiet u laqgħat fejn jinvolvu l-kommunità ġew imħasra kollha.

Attivitajiet

8 ta' Frar, 11 ta' Lulju – ipparteċipajt fil-*clean up* organizzata mill-Kunsill.

28 ta' Frar – ipparteċipajt fil-laqgħa għaż-żgħażagħ *'Youth Voice Matters'* organizzata mill-Kunsill;

7 ta' Marzu – ipparteċipajt f'attività ta'-tħawwil ta' siġar organizzata mill-Kunsill,

22 ta' April – attendejt konferenza stampa mtellgħa mill-Ministeru tat-Turiżmu rigward xogħlijiet fuq it-Torri ta' Sant' Agata;

19 ta'Settembru – ipparteċipajt fil-*clean up*, parti mill-attività *'Saving Our Blue Campaign'*.

Aspett Soċjali

Żammejt kuntatt posittiv mat-tmexxija taċ-Ċentru Anzjanità Attiva u Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

Ikkordinajt, flimkien mal-Kunsillier I. Castillo l-'*Create a Smile Campaign'* fejn tfal tal-lokalità ħadmu fuq kartolina u fuq proposta tiegħi l-Kunsill ħa ħsieb jagħmel video li ġie muri lir-residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

Marzu – kordinajt ma' '*Prisms Malta'* għall-inizjattiva' 'Bronja' biex nindikaw persuni li mhux qed joħorġu min djarhom, biex din l-għaqda tkun ta' wens għalihom.

Marzu sa Ġunju – flimkien mall-Kunsillier K. Buttigieg ħadna ħsieb il-kordinazzjoni kollha tal-ħaddiema tal-Ozo Group li volontarjmanet kienu qed innadfu l-lokalità.

Marzu sa Mejju – qasamt l-ikel lir-residenti Mellieħin mogħtija mill-Malta Trust Foundation.

10 ta' Mejju – Jum l-Omm – Ipproponejt u kkordinajt it-tqassim ta' pjanti lir-residenti u l-istaff kollu tad-Dar Madonna tal-Mellieħa (imxejna skont ir-restrizzjonijiet indikati mill-Awtoritajiet tas-Saħħa). Minħabba li l-kommunità ma setgħatx tattendi għal funzjonijiet reliġjużi u l-funzjoniet ġew trasmessi fuq media soċjali, ħadd ħsieb li nżejnu s-Santwarju bil-fjuri u pjanti għal din l-okkażjoni.

21 ta' Ġunju – Jum il-Missier- Ipproponejt u kkordinajt li l-għoti ta' pjanti lir-residenti u l-istaff kollu tad-Dar il-Madonna tal-Mellieħa (imxejna skont ir-restrizjonitiet stabbiliti mill-Awtoritajiet tas-Saħħa). Minħabba li l-kommunità ma setgħatx tattendi għal funzjonijiet reliġjużi u l-funzjoniet ġew trasmessi fuq media soċjali, ħadd ħsieb li nżejnu l-Knisja Parrokkjali bil-fjuri u pjanti għal din l-okkażjoni.

2 ta' Frar, 31 ta' Mejju, 4 u 24 t'Ottubru – Ipproponejt u kkordinajt iż-żjara mill-Unit għall-Għoti tad-Demm ġewwa Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa.

1-14 ta' Ġunju – Ipproponejt u kkordinajt il-mixġħella bl-aħmar il-Misraħ iż-Żjara tal-Papa bie jiġi ċċelebrat il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm.

15-30 ta' Ġunju – Iproponejt u kkordnajt il-mixgħella bl-abjad u l-aħmar il-Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II b'apprezament lill-ħaddiema kollha li huma nvoluti fil-pandemija.

Gunju – Ipproponejt u kkordinajt it-tiżjien bi fjuri u pjanti ġewwa l-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoniet tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof tat-tfal tal-lokalita tagħna.

Ottubru - Ipproponejt u kkordinajt l-mixgħela roża tal-monument fil-Mellieħa bħala parteċipazzjoni fil kampanja Pink October.

Ottubru – Ipproponejt u kkordinajt il-mixgħela bl-oranġju tal-Misraħ iż-Żjara tal-Papa biex titqajjem kuxjenza dwar il-kundizzjoni tal-ADHD.

Ottubru – Ipproponejt u kkordinajt l-aplikazzjoni għan-nomina Premju Anzjanità Attiva.

Milied – Ipproponejt u kkordinajt li jitqassam ħelu tal-Milied lil anzjani tagħna ġewwa d-Dar Madonna tal-Mellieħa.

Kordinazzjoni tal-Ħarġiet Kulturali :

- 16 ta' Jannar – Kunvent Santu Wistin, Valletta
- 20 ta' Frar – Manoel Island, Gżira

<u>Edukazzjoni</u>

Żammejt kuntatt kontinwu mat-tmexxija tal-iskola.

30 ta' Lulju – kordinajt il-laqgħa informattiva rigward il-korsijiet li joffru l-MCAST

11 ta' Novembru – fuq proponiment u kordinazzjoni tiegħi ġie ppreżentat l-ewwel *comic book* 'Aventuri fil-Mellieħa'.

18 ta' Diċembru – fuq propniment u kordinazzjoni tiegħi ġie mniedi l-ktieb *'Fik Ittamaw Missirijietna, Ittamaw u Inti Ħlisthom'*.

Kordinzajoni u xiri ta' kotba ġodda tal-Librerija Pubblika.

Novembru – Kordinazzjoni dwar il-parteċipazzjoni virtwalment tal-Kunsill Lokali fil-Malta Book Festival.

Editur tal-fuljett tal-Kunsill – 'Mill-Qiegħa għat-Tfal' – 2 ħarġiet fl-2020

Kordinazzjoni tal-programm 'Aqra Miegħi' mtellgħa min-*National Literacy Agency*.

Attendejt is-seduti kollha minbarra waħda għax kont indisposta. Attendejt laqgħat oħra li jinvovlu lil Kunsill kollu. Dejjem tajt is-sehem, ipproponejt idejat u ipparteċipajt fejn ħassejt li hemm bżonn, speċjalment fuq indafa u wirt kulturali.

Annabelle Brincat Stellini - Kunsilliera

**Il-Kunsillier Kurt Buttigieg**

Dan ir-rapport ta' ħidma kien għadu ma ġiex ippreżentat sad data li fiha r-Rapport Annwali Ammistrattiv tressaq quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni tiegħu.

**Il-Kunsillier Ivan Castillo**

Rapport tal-Ħidma Kunsill Lokali - Mellieħa 2020 (Tmien Kunsill)

Dan ir-rapport ikopri l-ħidma tiegħi ta' kunsillier elett għal perjodu bejn Mejju 2020 u April 2021.

Din is-sena l-ħidma tagħna għalkemm kienet waħda iffukata, kienet ukoll differenti, fejn ilkoll kellna sfidi ġodda u diffikultajiet u kollitivament bħala kunsill ħdimna sabiex għelibnihom.

Din is-sena l-ħidma kienet iffukata fuq il-pandemija li minħabba numru ta' restrizzjonijiet, sibna soluzzjonijiet sabiex niżguraw li l-lokalità tagħna kienet kemm stajna sikura għar-residenti. Il-pandemija wkoll ġabet magħha waqfien ta' kull attività tal-massa.

Dawn huma xi ftit punti li jien bħala kunsillier iffukajt il-ħidma tiegħi.

Maskri: Bħala parti mill-ħidma tiegħi tkellimnt ma' donatur tal-maskri u l-*micro-fibre cloths* - Norwex - li tawna numru sostanzjali ta' maskli sabiex jitqassmu mal-kommunità kummerċjali. Dawn ukoll taw il-kunsens tagħhom sabiex jissemmew bħala *sponsors*, kemm fil-każ ta' din l-għotja, kif ukoll għar-roti li qed jintużaw mill-Pulizija tal-Komunità. Għalhekk proponejt li ikun xieraq li dan il-ġest jissemma fuq il-media soċjali u s-sit elettroniku tal-Kunsill.

Aktar Inklużjoni: fil-laqgħa tal-kunsill semmejt li napprezza s-servizz li qed jingħata, iżda jiddispjacini li mhux kull membru tal-Kunsill qed ikollu l-opportunità li jagħti l-kontribut tiegħu f'dawn it-tip ta' iniżjattivi. Għamilt referenza għax-xogħol ta' tindif li qed jiġi assenjat lill-ħaddiema tal-OZO Ltd. Jien, flimkien ma kunsilliera oħra, jiddispjaċina li minkejja illi hemm membri fil-Kunsill li jistgħu jikkontribwixxu fuq dan is-suġġett, dawn tħallew barra minn din l-inizjattiva.

Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena: Ġbidt l-attenzjoni li x-xogħol li ilu jsir biswit dan it-taraġ għadu għaddej u minħabba f'hekk dak li kien miftiehem li it-taraġ jerġa' jinfetaħ għall-publiku għadu ma ġarax**.**

Inizjattiva – *Make a Card, Create a Smile:* Jien, flimkien mal-Kunsilliera A. Brincat Stellini, komplejna naħdmu fuq l-inizjattiva msemmija u nstabet persuna li ser tipproduċi video mingħajr ħlas, filwaqt li ser issir il-kompożizzjoni ta' kanzunetta apposta. Kien issuġġerit li dan ix-xogħol jista' jittella' fil-midja soċjali sabiex ikun aċċessibbli għal kulħadd. Dan instab u l-Video sar b'suċċess kbir.

Installazzjoni ta' *Retro-Booths:* Erġajt ġbidt l-attenzjoni dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar dan il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-proġett ġiet komunikata lill-promoturi tiegħu, iżda ma kien hemm ebda rispons minn naħa tagħhom.

Materji li jinvolvu l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma: Ġbidt l-attenzjoni dwar il-ħtieġa ta' kuntatt mal-Korporazzjoni għas- Servizzi li jirrigwardaw proġetti tagħhom fosthom:

(a) Ix-xogħol li għaddej fix-Xatt ta' Santa Marija, inkluż l-ammont konsiderevoli ta' terrapien li ġie akkumulat mill-kuntrattur;
(b) Il-pjanijiet li għandha l-Korporazzjoni dwar id-distribuzzjoni tan-new water; u
(c) Tiswijiet fuq il-*mains* tad-drenaġġ ġewwa Santa Marija Estate.

Pjan dwar l-Immaniġġjar tal-Aħrax: Għalkemm jien spjegajt ukoll fid-dettal li dan is-sit ma jistax ma jkollux immaniġjar serju, jiddispjaċini li f'ebda ħin il-Kunsill Lokali u l-kunsilliera ma ġejna kkonsultati dwar dan. Stajna nagħtu pariri u ideat kif dan seta jsir aħjar imma sfurtunatament dan ma sarx.

*Resurfacing* ta' toroq ġewwa l-Aħrax: Għamilt referrenza għax-xogħol li għaddej fuq l-asfaltar ta' Triq l-Armier iż-Żgħir u proponejt il-possibiltà li ssir bankina fuq in-naħa tal-baħar sabiex jiġi evitat li wieħed jimxi fil-karreġġjata meta jkun hemm ħafna vetturi pparkjati. Sar kuntatt ma' Infrastructure Malta fejn dan ġie kunsidrat.

Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm: Fl-14 ta’ Ġunju 2020 ġie mfakkar il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm. Il-Kunsilli Lokali xegħel l-Monument fi Triq Qasam Barrani u Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, bi dwal ħomor mill-1 sal-15 ta’ Ġunju. Jien ipproponejt li fil-jum proprju, il-Kunsillieri jagħtu d-demm.

Siti storiċi abbandunati fil-lokalità: Għamilt aċċenn għall-fatt li l-Palazz ta’ Selmun huwa meqjus bħala monument nazzjonali, skedat mill-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar fi Grad 1. Spejgajt kif il-Palazz tal-Marfa huwa anke mhedded minn okkupazzjoni llegali. Sar ix-xogħol meħtieġ mill-pulizija.

Attivitajiet popolari fid-dawl tal-epidemija Covid-19: Tlabt sabiex nara jekk il-fondi jistgħux jintużaw fuq il-proprjetà li ġiet devoluta lill-Bord tal-Park tal-Majjistral u assenjata lill-Kunsill.

Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier: Spejġajt waqt il-15-il Seduta tal-kunsill li naqbel mad-diversi proposti, filwaqt li ġbidt l-attenzjoni li jista’ jkun hemm diffikultà biex il-karozzi tal-linja jduru meta jkunu ġejjin mid-direzzjoni tar-*roundabout* għal Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, u allura tkun trid tittieħed biċċa żgħira mis-*soft area*. Il-proposta se tkun ikkunsidrata.

Diżinfettar ta’ postijiet pubbliċi: Għamilt kuntatt mal-kumpanija Extra Staff Malta. Din għamlet id-diżinfettar tal-uffiċċju amministrattiv kif ukoll fiċ-Ċentru Parrokkjali u fil-Kappella tal-Kunċiżżjoni ġewwa l-Aħrax. Tlabt li tintbagħat nota ta’ ringrazzjament.

Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin: Saret petizzjoni mir-residenti ta’ Triq il-Qortin sabiex nara li jiġu ntrodotti *speed calming measures* f’din it-triq. Ir-residenti kollha li ntalbu jiffirmaw il-petizzjoni kollha għamlu hekk, barra wieħed.

Ġbir ta’ skart domestiku mill-Qammieħ: Għamilt referenza u staqsejt dwar jekk kienx hemm respons mill-konsulent legali tal-Kunsill rigward dan il-gbir. Il-parir mogħti kien li l-*bins-on-wheels* li hemm aktar ‘il barra fit-triq saru għar-residenti ta’ dik iż-żona u għalhekk huma ntiżi biex iservu bħala alternattiva li normalment tiġi addottata f’postijiet rurali.

Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin: Għamilt referenza  għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett u ġiet mistoqsija jekk ġietx identifika persuna li tista’ tagħti parir professjonali dwar l-miżuri li jistgħu jiġu kkunsidrati sabiex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi fi Triq il-Qortin. Il-Viċi Sindku qal li huwa jaf perit intiż fil-kostruzzjoni tat-toroq u l-immaniġġjar tat-traffiku, però baqa’ lura milli jkompli l-kuntatti miegħu fin-nuqqas ta’ relazzjoni kuntrattwali mal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li s-servizz jista’ jinkiseb bħala estensjoni mal-kuntratt li diġa għandu dwar is-servizz ta’ perit. Il-Kunsill inkluda din il-proposta għal aktar konsiderazzjoni bħala parti mill-Proġett *Slow Streets*.

Sistema ta’ *one way* fi Triq Salvu Camilleri: Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal imejl datata 7 ta’ Ġunju 2020, fejn il-Mellieħa Scout Group talbu li jingħataw konċessjoni sabiex jidħlu fl-ewwel parti ta’ Triq Salvu Camilleri kontra l-*one way* sakemm tiġi asfaltata Triq it-Tabib Joseph Grech Attard. Jien ipproponejt li sakemm titlesta Triq it-Tabib Joseph Grech, jitneħħew żewġ spazji għall-ipparkjar fi Triq Salvu Camilleri faċċata tal-istess triq. Dan apparti l-vettura wżata mill-gruppi tal-iScouts li jiġu fil-kwartieri tagħhom fil-Fortizza tas-Salib, kif ukoll illi jkun hemm aċċess għat-test van tal-Enemalta għas-*substation*, kemm biex jagħmel manutenzjoni ta’ rutina, kif ukoll f’każ ta’ tiswijiet urġenti.

Xogħlijiet meħtieġa: Għamilt referenza u ġbidt l-attenzjoni għall-ħtieġa tax-xogħlijiet segwenti:

- Tibjid tal-ħajt tal-belveder fi Triq Ġnien Ingraw;
- Tneħħija ta’ ħaxix mill-isqaq bejn Triq Ta’ Fuq il-Widien u Triq il-Pluviera;

Ittieħdet nota tal-punti mqajma sabiex tittieħed azzjoni.

Bankina matul il-*promenade* tal-Għadira: Għamilt referenza u ġbidt l-attenzjoni li l-bankina li hemm matul il-*promenade* ta’ Triq il-Marfa, f’ċerti postijiet hija għolja u nieqsa mir-rampi li jiffaċilitaw l-

aċċessibiltà għall-persuni b'diżabilità li jagħmlu użu mis-siġġijiet tar-roti. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta u l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità sabiex jiġu stabbiliti l-postijiet li għandhom jiġu trattati.

Ipparkjar faċċata ta' garaxxijiet fi Triq Dun Franġisk Sciberras: Għamilt referenza għall-inkonvenjent li qed jiffaċċjaw persuni li għandhom garaxxijiet fit-triq imsemmija, fil-parti bejn Triq Adenau u Triq Sammy Bartolo. Minkejja li jeżistu linji doppji sofor faċċata tagħhom, xorta waħda qed ikun hemm vetturi pparkjati. Jien ipproponejt li jsiru xi tip ta' *bollards* 'l isfel mill-bankina, jew *No Parking* biż-żebgħa mal-art. Il-Kunsill ma laqax it-talba, peress li l-arranġamenti marbuta mal-ingombru quddiem garaxxijiet huma regolati b'linji gwida ta' Transport Malta.

Imblukkar tal-aċċess bil-vetturi għall-inħawi tal-Blata: Għamilt referenza u ġbidt l-attenzjoni li spiss jinstaqu vetturi *four wheel drive* fl-inħawi tal-Blata fil-limiti ta' Selmun fejn hemm is-salini tal-melħ. Ipproponejt li l-aċċess jiġi mblukkat, permezz ta' *crash barrier* li jitwaħħlu mal-art f'biċċtejn, b'tali mod li persuna tkun tista' tgħaddi minn bejniethom. Spejgajt li saru xi kuntatti biex wieħed jara jekk jistax jitpoġġa ġebel kbir, iżda dan mhux daqshekk faċli li jinstab. Il-Kunsill tal-fehma li għandu jiġi stabbilit il-post eżatt fejn għandhom jitwaħħlu *crash barriers* sabiex ikun żgurat li ma jiġux affettwati persuni li għandhom ir-raba fl-inħawi. Tlabt wkoll li jitħawlu xi siġar f'dan il-każ.

Introduzzjoni ta' *speed hump* fi Triq Għajn Żejtuna: Għamilt referenza u ġbidt l-attenzjoni għall-periklu li jeżisti fi Triq Għajn Żejtuna, fil-parti qrib Triq il-Pont. Għaldaqstant propost li terġa' ssir *speed hump* perpendikulari fi Triq Għajn Żejtuna bejn Triq ta' Taħt l-Irdum u Triq il-Pont. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg issuġġerixxa li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta sabiex issir *raised plateau* bl-asfalt. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment

Ġbir tal-ħġieġ bieb bieb: Għamilt proposta li din il-miżura tingħata pubbliċità fuq il-midia soċjali u s-sit elettroniku tal-Kunsill.

Infurzar tar-regolamenti u Maniġġjar tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier: Indagajt dwar il-possibiltà li jiġu installati cameras u rriżulta li biex jiġu nstallati tnejn tinvolvu spiża inizzjali ta' madwar €1,400 li ma tkunx tinkludi r-rata.

Ġbir tal-ħġieġ bieb bieb: Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna għal nota mibgħuta minni, fejn spjegajt li d-*domes* fil-*bring-in site* qed idumu ma jitbattlu, bir-riżultat li l-Kunsill ikollu jqabbad kuntrattur bi ħlas sabiex ineħħi l-iskart li jitħalla maġenbhom. Is-Sur C. Debono kkummenta li minn dak illi jiġi osservat mill-camera, ikun hemm xi individwi li jbattlu l-iskart kif suppost, filwaqt li jħallu l-kaxxi fl-art. Huwa suspettat ukoll li operaturi ta' stabbilimenti qed iġibu l-ħġieġ fi kwantitajiet kbar meta l-faċilità mhux intiża għal skart kummerċjali.

Għoti ta' injezzjonijiet kontra l-influwenza: Għamilt referenza fis-Seduta Nru. 17 u għarraft li ġejt avviċinat minn infermiera mill-Mellieħa li lesta tagħti l-injezzjonijiet mingħajr ħlas lil persuni morda li ma joħorġux minn darhom.

Dwal ġodda fit-toroq: Għamilt referenza u staqsejt dwar jekk ġiex reġistrat progress rigward l-iskema ta' dwal ġodda fi Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Muna, Triq il-Barkazza, Triq iż-Żebbuġ, Daħlet id-Dalji, Daħlet is-Sardinell, Triq il-Bilbla, Triq il-Bufula, Triq il-Gardell, il-parti ta' barra ta' Triq il-Birwina u Triq il-Ġojjin. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-applikazzjoni dwar il-kofinanzjament tal-proġett permezz tad-*Development Planning Fund* tinsab għall-kunsiderazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Sejħa għall-Offerti MLC 4/2020 – *Green Infrastructure* fil-Park tal-Familja u Ġnien tal-Komunità fi Ġnien il-Qigħan: Għarraft li fit-2 ta' Ottubru 2020 ħarġet is-sejħa msemmija, filwaqt li għalqet fit-23 tal-istess xahar.

Użu tal-faċilitajiet fis-Sala tal-Kunsill**:** Għamilt referenza u spejgajt li gejt avviċinat mill-Mellieħa Scout Group sabiex jagħmlu użu mill-faċilitajiet fis-sala tal-Kunsill kif ukoll il-kompjuters installati hemm. Dan peress li saru kollegamenti ma' scouts minn pajjiżi oħra bejn it-16 u t-18 ta' Ottubru

2020. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir użu mis-sala sakemm ma tkunx okkupata b'attivitajiet oħra. Dwar l-użu tal-kompjuters kien hemm qbil li l-iscouts għandhom jiksbu l-permess ta' sidhom.

Ħajt fi Triq Ġnien Ingraw u Triq l-Għollieqa: Għamilt referenza u ġbidt l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jitbajjad il-ħajt ta' Triq Ġnien Ingraw u Triq l-Għollieqa. Ittieħdet nota sabiex il-ħajt indikat jiġi inkluż fil-pjan tax-xogħol tal-ħaddiema tal-Kunsill.

Permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fi Triq l-Għar u Casa: Għamilt referenza u infurmajt lill-kunsill li waslulu lmenti minn residenti fin-naħa ta' ġewwa ta' Triq l-Għar u Casa, dwar l-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni li jagħlaq it-triq kompletament. Għedt li jiġi osservat ukoll li l-istess makkinarju jitħalla jimblokka t-triq anke meta ma jkunx qed jintuża. Fakkart li r-residenti fuq in-naħa ta' ġewwa tat-triq qed ikollhom iħallu l-vetturi tagħhom aktar 'il barra minn fejn ikun qed isir ix-xogħol. Intqal ukoll li ma jkunx hemm superviżjoni tat-traffiku minn Uffiċjali tal-Komunità, Pulizija jew oħrajn.

Ftuħ mill-ġdid tal-Għassa tal-Pulizija: Għamilt referenza li biex isiru rapporti ta' każi li jseħħu fil-Mellieħa, wieħed ikollu jmur l-Għassa tal-Qawra meta llum il-popolazzjoni tammonta għal iktar minn 11,000. Sostnejt li mhux neċessarju li min ikun l-għassa jkun uffiċjal tal-Pulizija, għax dan ix-xogħol huwa ta' natura klerikali u faċilment isir minn uffiċjal pajżan. F'każ li jsir rapport xorta tista' tittieħed azzjoni immedjata għax dan ikun jista' jikkuntattja lit-taqsima konċernata fi ħdan il-korp.

Tmexxija tal-Parkeġġ tal-Għadira: Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-aħħar laqgħa li saret ma' uffiċjali minn Projects Plus Ltd sar magħruf li n-naħa ta' ġewwa tal-parkeġġ tlestiet u anke ġiet mgħammra bid-dwal li ser jitqabbad mad-dwal tat-toroq u li eventwalment ser jgħaddi fir-responsabiltà tal-Kunsill. Fil-fatt diġà saret applikazzjoni min-naħa tal-Kunsill mal-ARMS sabiex id-dwal tal-parkeġġ jitqabbdu mal-provista tal-elettriku għad-dwal tat-toroq. Jien staqsejt dwar jekk il-kuntrattur huwiex ser jagħti garanzija tad-dwal li ġew installati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser tinġibed l-attenzjoni ta' Projects Plus Ltd għal dan il-fattur u possibilment jinkiseb dokument dwar dan. Aċċennajt dwar il-fatt li l-parkeġġ għandu ċertu potenzjal li jista' jiġi sfruttat u għalhekk m'għandux jiġi trattat bħal kull post ieħor fil-lokalità. Il-fattur tal-ħin li matulu jintużaw il-faċilitajiet tal-parkeġġ huwa punt li jeħtieġ jiġi kkunsidrat.

Ipparkjar fi Triq il-Miġbħa faċċata ta' Pjazza Thomas Spratt: Għamilt referenza u ġbidt l-attenzjoni li qed ikun hemm ipparkjar ta' vetturi fil-post imsemmi bir-riżultat li żdiedet il-possibiltà li jsiru kolliżjonijiet. Ipproponejt li ssir linja safra fil-liwja sabiex ma jintilifx spazju għal ipparkjar bla ħtieġa. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

Tqegħid ta' ġebel kbir fid-daħla għall-Bajja tal-Imġiebaħ: Għamilt referenza għal dan is-suġġeriment mill-kunsillier Gabriel Micallef u spejgajt li l-aċċess għall-vetturi żgħar jista' jiġi kkontrollat bi tħawwil ta' siġar maturi.

Introduzzjoni ta' *cat's eyes* fit-toroq: Għamilt referenza u spejgajt li l-ispejjeż involuti jridu jiġu kkunsidrati mar-riskju li jsiru xogħlijiet fit-toroq indikati.

Tixrid ta' tajn fi Triq l-Armier iż-Żgħir: Ġbidt l-attenzjoni dwar inkonvenjent u periklu li qed jikkawżaw sewwieqa ta' vetturi four-wheel drive li jipprattikaw dan l-isports fil-barriera tal-Armier. Dawn qed jimlew it-triq li għadha kif ġiet asfaltata u jirrenduha perikoluża. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-All Wheel Drive Club huma responsabbli mill-barriera u għalhekk għandhom jaraw li kull vettura illi toħroġ mis-sit għandu jkollha r-roti nodfa bħalma jsir f'siti ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill qabel li dan l-abbuż għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

Spazji għall-ipparkjar fi Triq Anthony Sammut: Saret referenza għal imejl datata 14 ta' Diċembru 2020 fejn, f'isem xi resident, jien ipproponejt sabiex jerġgħu jinżebgħu żewġ spazji għall-ipparkjar li kienu tneħħew minn Triq Anthony Sammut kantuniera ma' Triq il-Fortizza. Il-Kunsill iddeċieda li jinżamm l-arranġament eżistenti.

Ipparkjar fi Triq il-Modd: Għamilt referenza u għarraft li saritli proposta sabiex jitkomplew il-linji sofor doppji fit-triq imsemmija, bejn Triq il-Qigħan u Triq Qasam Barrani. Dan minħabba li meta

jkun hemm sessjonijiet tat-taħriġ jew logħob fil-ground ikun hemm konġestjoni tat-traffiku. Il-Kunsill iddeċieda li l-arranġament eżistent għandu jibqa' fis-seħħ.

Video b'messaġġ għall-Milied: Informajt il-kunsill li ġie ppreparat video b'messaġġ għall-Milied u tlabt li dan jiġi mtella' fil-media soċjali tal-kunsill. Għedt li t-tul tiegħu huwa biss ta' disgħa sekondi u jista' jitniżżel permezz ta' link partikulari. Wara li l-Kunsill ra l-video, approva l-proposta.

Ismijiet ta' toroq fi Triq il-Mejjiesa: Għamilt referenza għat-tliet toroq ġodda li hemm fi Triq il-Mejjiesa, minn Trejqet il-Ħarrub 'il ġewwa. Ipproponejt li dawn jingħataw isem. Fid-dawl tal-fatt li dawn it-toroq huma privati, il-Kunsill ma qabilx li t-toroq indikati għandhom jingħataw isem uffiċjali. Il-Kunsill ikkunsidra li dawn mhumiex skemati skont l-informazzjoni miksuba onlajn mis-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Latrina pubblika taħt Ġnien il-Pellegrini: Ipproponejt li ssir latrina pubblika ġdida taħt il-ġnien imsemmi minħabba l-fatt li fil-Pjan Lokali, dan il-post huwa indikata bħala secondary town centre. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandhom jiġu studjati l-għażliet kollha possibbli sabiex issir latrina pubblika fi Triq il-Kbira bejn il-Ġnien tal-Pellegrini u l-Ġnien tas-Salib.

Pubblikazzjoni "Fik Ittamaw Missirijietna Ittamaw u Inti Ħlisthom"**:** Kont preżenti għall-pubblikazzjoni u preżentazzjoni tal-imsemmi ktieb flimkien ma' numru minn sħabi kunsilliera.

Latrina pubblika taħt Ġnien il-Pellegrini: Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-PowerPoint presentation li għaddejt lill-membri kollha tal-Kunsill. Din tinvolvi latrina tat-tip *prefabricated* li tista' tiġi installata fuq il-bankina bejn Triq l-Għoljiet u Triq il-Kbira. Hija qalet li d-disinn tagħha huwa wieħed aċċettabbli, iżda l-prezz tagħha huwa eżorbitanti billi jammonta għal €194,000. Spejgajt li teżisti l-possibiltà li dawn jiġu akkwistati *second hand* bi prezz ferm inqas. Is-Segretarju Eżekuttiv indika alternattiva oħra li tinvolvi s-sit ta' Ġnien tas-Salib fejn hemm l-ogħla parti tal-ħajt li jħares fuq Triq il-Kbira. Dan il-post ma jtellef xejn mill-ispazju tal-ġnien filwaqt li estetikament ma tkunx intrussiva, kif ukoll issir bi spiża ferm inqas milli kieku jkun hemm waħda mibnija.

Kenn għat-tfal tal-iskola fi Triq il-Biedja: Il-Kunsill ġie mgħarraf permezz ta' imejl tiegħi datata 9 ta' Jannar 2021 fejn ipproponejt li ssir xi forma ta' kenn mill-elementi għat-tfal tal-iskola li jkunu qed jistennew it-trasport fi Triq il-Biedja. Ipproponejt li din tkun tinda li tistà tiżżarma. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li fil-post indikat dalwaqt ser tiġi sottomessa applikazzjoni bil-proċedura ta' *Development Notification Order* minn Faces Consultants Ltd sabiex isir *bus shelter*. Spejgajt li l-proċess biex isir *bus shelter* jista' jieħu fit-tul u għaldaqstant għandu jinstab rimedju temporanju. Il-Kunsill ma approvax din il-proposta minħabba li jeżistu diversi postijiet fil-lokalità li huma esposti, fejn it-tfal jistennew it-trasport għall-iskola, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li għaddej proċess sabiex jiġi nstallat *bus shelter*.

Bankina fi Triq il-Gardell: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur C. Debono, irrefera għal imejl datata 4 ta' Jannar 2021, mibgħuta minni. F'din il-korrispondenza għamilt aċċenn li fi Triq il-Gardell hemm problema minħabba l-ilma tax-xita li qed jiskula minn ġo tappiera tal-GO u jispiċċa fil-bini. Għaldaqstant ġie propost li ssir bankina bejn Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq il-birwina. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-problema ma tiġix riżolta billi ssir bankina, li min-naħa l-oħra tnaqqas il-wisa' tat-triq u tirrendi l-ipparkjar tal-vetturi aktar diffiċli anke fuq naħa waħda tat-triq. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandu jikiseb parir ta' perit dwar il-possibiltà li jsir *gutter* jew *culvert* li jaqleb lejn Triq ix-Xagħra ta' Barra.

Problemi ta' aċċess fi Triq l-Għar u Casa: Għamilt referenza u ġbidt l-attenzjoni dwar l-istat li tinsab fiħ it-triq imsemmija, partikularment meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinkiseb il-parir ta' perit sabiex jiġi stabbilit jekk jistax jingħata wiċċ temporanju bit-tarmak jew bil-konkos.

Qagħda tal-ilma fi Triq l-Assedju l-Kbir: Għamilt referenza u ġbidt l-attenzjoni li fi Triq il-Kbira, qrib il-kantuniera ma' Triq iċ-Ċikken hemm qagħda tal-ilma li tista' tiġi eliminata billi ssir ġradilja *(catchpit)* u katusa bejnha u culvert eżistenti. Kien hemm qbil li jien għandi nindika l-post eżatt fejn teżisti l-problema msemmija.

Bankina fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri: Għamilt referenza u ġbidt l-attenzjoni li l-bankina ta' madwar l-appartamenti tal-Gvern fit-triq imsemmija saritilha ħsara fil-wiċċ tagħha peress li l-iscammel qed ikollu jitla' fuqha sabiex ikun jista jdur mal-istess blokka. Għaldaqstant saret proposta sabiex l-ipparkjar fuq in-naħa l-oħra jkun ikkontrollat bil-ħin. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jinbidel il-wiċċ tal-bankina fil-parti indikata.

Tabelli nieqsa fi Triq il-Mitħna l-Ġdida: Aċċennajt li fil-viċinanzi tal-iskola primarja, fit-triq imsemmija m'hemmx tabelli tal-iskola jew sabiex ma jsirx ipparkjar fil-parti bejn Triq il-Muna u Triq Qasam Barrani. Is-Segretaru Eżekuttiv C. Debono qal li dawn it-tabelli kienu jeżistu, iżda ser jiġi verifikat jekk hemmx minnhom nieqsa jew qdiemu sabiex isiru mill-ġdid.

Tqegħid temporanju ta' imwejjed u siġġijiet quddiem bars u stabbilimenti li jservu l-ikel: Jien qbilt li għandha ssir talba sabiex ikunu magħrufa l-kriterji u l-kunsiderazzjonijiet meta jingħataw il-konċessjonijiet imsemmija. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

Ġbir ta' skart ġġenerat minn ġonna privati: Għarraft li hemm domanda minn residenti ta' Santa Marija Estate li jkollhom skart veġitali mill-ġonna tagħhom, fi kwantitajiet żgħar, illi ma jkunx vijabbli li wieħed iġib *skip*. Staqsejt jekk dan jistax jiġi inkorporat ma' xi servizz domestiku ieħor li jipprovdi l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-Reġjun Tramuntana kien qed jaħdem fuq sejħa għal offerti f'din id-direzzjoni. Huwa ġibed l-attenzjoni li fir-rigward ta' Santa Marija Estate, il-kwantitajiet ta' skart tat-tip imsemmi mhux dejjem ikunu żgħar. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa ser iqajjem dan is-suġġett fis-seduta li jmiss tal-Kumitat Reġjonali.

Lampi tat-triq nieqsa fix-Xatt ta' Santa Marija: Għamilt referenza għall-parti tat-triq imsemmija, bejn Triq il-Qasab u n-niżla li tagħti għax-xatt. Aċċennajt li t-triq tinsab fid-dlam peress li kien hemm żewġ lampi *whip-type* li tneħħew biex sar skavar ta' sit numru 184. Ippropona li dawn jerġgħu jitwaħħlu fuq il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li bl-iskavar li sar ittieħdet il-bankina u għalhekk il-lampi kellhom jitneħħew, filwaqt li l-bankina eżistenti saret proviżorjament fuq l-asfalt sabiex jitħalla passaġġ pedonali u jeħtieġ li titneħħa wara li jitlesta l-bini. Billi x-xogħlijiet fuq is-sit waqqfu, saret *floodlight* temporanja mal-aħħar lampa eżistenti bil-għan li t-triq tinxtegħel b'mod temporanju. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa fuq il-post.

Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin: Għamilt referenza għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett u ppproponejt li jsiru *raised humps* fi Triq il-Qortin, kantuniera ma' Triq il-Gardell u Triq il-Birwina. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa ma jaqbilx li jsiru raised humps peress li dawn jikkawżaw inkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-*mini-roundabout* tkun elevata mill-kumplament tat-triq sabiex is-sewwieqa jkunu mġiegħla jduru magħha. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta sabiex isiru *bollards* fessibbli fl-istess post fejn kienu saru oħrajn riġidi tal-ħadid xi żmien qabel.

Triq ġdida bejn Triq it-Tgħam u Triq il-Mitħna l-Qadima: Għamilt talba formali dwar x'hemm ippjanat bħala aċċess pubbliku bejn il-binjiet "Country View Flats" u "Miżieb Heights". Sħaqt li fl-istess post hemm ħajt perikoluż filwaqt li d-daħla minn Triq il-Mitħna l-Qadima jeħtieġ li titnaddaf mill-iskart. Is-Seġretarju Eżekuttiv C. Debono qal li fil-post indikat hemm ippjanat taraġ. Infrastructure Malta ġew mitluba sabiex jagħmlu x-xogħol meħtieġ billi fil-parti l-kbira tiegħu jingħalaq bil-bini, kif ukoll isir l-asfaltar mill-ġdid fil-parti ta' Triq il-Mitħna l-Qadima, bejn Triq l-Għargħar u Triq id-Deru. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi verifikat jekk il-ħajt indikat huwiex aċċessibbli minn Triq it-Tgħam.

Makkinarju tal-kostruzzjoni fi Triq Dun Franġisk Sciberras: Ġbidt l-attenzjoni li sid ta' garaxx fit-triq imsemmija ma setax idaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx li għandu qrib Triq Sammy Bartolo, peress li qed jarma krejn quddiemu eżatt. Spejgajt li meta jiġri hekk, minn jagħmel użu mill-garaxx għandu jkun infurmat mill-Kunsill minn qabel permezz ta' tabella li tindika li t-triq ser tkun magħluqa. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li bħala proċedura, ir-residenti jiġu infurmati jumejn qabel meta tingħalaq xi parti minn triq li ma tinfidx. F'dan il-każ partikulari, ingħata permess biex tingħalaq it-triq, iżda kull parti tagħha baqgħet aċċessibbli minn xi naħa jew oħra. F'dan il-każ minn rama l-krejn kien obbligat jinforma lil min juża l-garaxx bil-mod kif kien ser jarma. Minkejja dan, ittieħdet nota tal-każ partikulari sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-iżviluppatur.

Saru wkoll numbru ta' laqgħat fuq żvilupp ta' lukandi fil-periferija tal-lokalità u li jien attendejt għalihom ukoll, kif wkoll tajt l-opinjoni u tlabt għal verifki fejn ħassejt li kien hemm il-ħtieġa ta' dan. Dawn jinkludu Ħal Ferħ, Mellieħa Bay Hotel u Ramla Bay Hotel.

Sfortunatament il-ħidma din is-sena ma kinitx waħda bħal tas-soltu, però kienet waħda ffukata fuq ħidma mod ieħor. Komplejt niltaqa' mar-residenti b'mod regolari u nwassal numru ta' lmenti u suġġerimenti lill-kunsill permezz ta' imejls.

Ivan Castillo - Kunsillier

**Il-Kunsillier Gabriel Micallef**

Introduzzjoni

Is-sena 2020 kienet sena partikolari mimlija sfidi u ħidma li titfa r-resident fi-ċentru tal-ħidma. Bħala rappreżentant tal-kommunità Melliħija komplejt naħdem biex inkun il-vuċi tar-residenti bl-aħjar mod possibbli. Il-pandemija ġabet magħha realtajiet ġodda. Realtijiet li bħala Kunsill kellna naddattaw għalihom u nkunu proattivi biex nissalvagwardjaw saħħet ir-residenti. Ringrazzjament xieraq lill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali tal-ħidma tagħhom u s-sagrifiċċji biex ir-residenti jkunu moqdijin bl-aħjar mod possibbli. Grazzi lil kuntratturi tal-ħidma kontinwa biex il-Kunsill ikun jista' joffri servizz li jilħaq l-aspirazzjonijiet tan-nies. Ringrazzjament u radd ta' ħajr lill-għaqdiet tal-lokalità tal-ħidma tagħhom biex issaħħu s-sens ta' komunità. Grazzi lir-residenti tal-fiduċja u tal-koperazzjoni tagħhom f'dak kollu li nagħmlu biex inħallu Mellieħa u Manikata aħjar!

Bħala kunsillier ħdimt bla heda fuq bosta setturi lokali. L-enfażi tal-ħidma tiegħi jibqa' l-ġid komuni li jwassal għall-kwalità ta' ħajja aħjar u r-rispett lejn il-wirt naturali li ħallew ta' qabilna. F'dan ir-rapport annwali 2020 ser inkun qed nagħti ħarsa lejn bosta punti u ħidma li wettaqt biex nkun ta' servizz għar-residenti tal-Mellieħa u Manikata, billi nsemmi materji li jiena qajjimt fis-seduti tal-Kunsill fil-perjodu kopert b'dan ir-rapport:

Siment eċċessiv madwar is-siġar – Ġnien Misraħ tas-Salib.

Wara diversi ilmenti minn residenti li jiffrekwentaw il-*playing field* ta' Misraħ tas-Salib tlabt lill-kunsill sabiex il-konok tas-siġar li ġew fgati bis-siment jiġu rranġati b'materjal sostennibbli u li jikkumplimenta l-ambjent.

Il-kisi madwar zkuk tas-siġar fis-siment mhux biss mhux sensittiv għall-ambjent tagħna iżda jikkostitwixxi prattika ħażina peress li jista' jaffettwa ħażin it-tkabbir tas-siġar.

Tlabt sabiex din il-kwistjoni tiġi rranġata kemm jista jkun malajr. Nemmen li bħala gvern lokali konna qed nibagħtu messaġġ ħażin fir-rigward tal-ambjent tagħna u l-apprezzament tas-siġar.

Żvilupp tal-Lukanda Mellieħa Bay Hotel

Fid-dawl ta' dak kollu li ġie rrapurtat mill-gazzetti lokali fuq l-iżvilupp mill-ġdid tal-Lukanda Mellieħa Bay f'Jannar 2020 tlabt biex bħala Kunsill Lokali naraw li nħarsu l-ġid komuni. Skont kif ġie rapurtat deher illi dan l-iżvilupp se jżid il-*footprint* minn dak oriġinali. Għaldaqstant tlabt;

- biex bħala Kunsill ikollna l-informazzjoni pubblika disponnibli għall-iskrutinju tagħna bħala kunsilliera u tal-pubbliku;
- naraw li jitqabbad perit biex jiġi studjat dan l-iżvilupp u jiddetermina jekk hux konformi mal-*policy* preżenti; u
- jekk hux ser ikun hemm xi tip ta' *Planning Gain* marbut ma' dan l-iżvilupp, kif ukoll jintalab rapport dwar l-impatt fejn jidħlu servizzi fostom id-dranaġġ, provista tal-elettriku u tal-ilma, jekk iridx isiru xogħlijiet relatati.

Dawn huma xi wħud mill-mistoqsijiet li jixirqilhom riċerka msejsa fuq l-evidenza permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt soċjali. Attendejt laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-Lukanda Mellieħa Bay fejn ingħatat spjegazzjoni dettaljata tax-xogħol pjanat li jsir.

Rapport dwar żvilupp illegali – Triq ix-Xatt ta' Santa Marija

Ressaqt rapport t'illegalità attwali fuq art ODZ li seħħ fix-Xatt ta' Santa Marija lill-awtoritajiet prinċipali li, taħt il-liġijiet ta 'Malta, għandhom is-setgħa li jissorveljaw il-kwistjoni tal-permessi għall-iżvilupp.

L-iżvilupp kien jikkonsisti fi skavar ta 'art ODZ mhux mittiefsa. Dan kien qed jinbena illegalment mingħajr permess f'postu fuq art li hija kkunsidrata bħala parti miż-żoni protetti ODZ f'Malta, fejn l-aċċess għall-pubbliku ġie mblukkat.

*Seduta numru 10 – 11 ta' Frar 2020*

Xogħlijiet fi Triq Lewis Wettinger

Staqsejt dwar jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar is-suġġett.

Għamilt referenza għal Triq Lewis Wettinger fejn lura f'April 2018 inbeda x-xogħol f'din it-triq li jammonta għal żewġ miljun ewro. It-triq tlestiet f'Ġunju tal-2018. F'Novembru tal-2018 ġie

iddikjarat minn Infrastructure Malta li x-xogħol li sar ma kienx ta' kwalità tajba. L-istess triq inqalat u x-xogħol, propju sentejn wara, għadu ma tlestiex.

Bħala kunsillier kelli r-responsabbilità li niġbed l-attenzjoni minnufih, dwar dan għall-fatt lin-nies li jagħmlu użu minn din it-triq b'mod konsistenti jibżgħu mis-sigurtà u l-possibiltà li jkun hemm incidenti.

F'dan il-kuntest tlabt sabiex tintbgħat ittra lill-Infrastructure Malta sabiex sakemm titlesta din it-triq u tkun lura għan-normal kif inhu mitlub, jinżammu responsabbli għall-kwalunkwe inċidenti li jistgħu jiġru f'dan il-perjodu. Il-kunsill m'għandux ikun mitlub li jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet ta' entitajiet oħra.

Entitajiet governattivi għandhom impjegati li jaħdmu b'mod indipendenti mis-segretarjati privati tal-ministri u mhux suppost ikunu affetwati minn kriżijiet politiċi.

Talba biex jiżdied il-ġbir ta' skart fiż-żona ta' Dawret it-Tunnara.

Wara diversi ilmenti mir-residenti tlabt biex il-kunsill jieħu azzjoni u jinġabar skart b'mod frekwenti f'żona.

Sinjali tal-karreġġjata fi Triq il-Mellieħa

Ipproponejt li jerġgħu jinżebgħu l-linji tal-karreġġjata fi Triq il-Mellieħa. Is-Segretarju wieġeb li s-sinjali reġgħu nżebgħu riċentement fl-aktar postijiet sensittivi biss, minħabba r-raġuni li Infrastructure Malta għandha pjanijiet li tagħmel titjib f'din it-triq.

*Bus stop* fi Triq Dun Manwel Grima

Ġbit l-attenzjoni li kien jeżisti il-*bus stop* "Grima" fit-triq imsemmija qrib il-knisja tal-Manikata. Dan kien tneħħa għal xi raġuni u ma reġax sar. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta.

Bandla għall-persuni b'diżabilità

Ġbit l-attenzjoni li bandla tat-tip imsemmi illi tinsab fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ jeħtieġ li tissewwa, flimkien mat-tapit ta' taħtha. Is-Segretarju qal li ttieħdu passi sabiex jinbidel it-tapit u tissewwa l-bandla.

Ipparkjar fi Triq San Ġorġ k/m Triq tas-Salib

Ġbit l-attenzjoni dwar ostakolu li qed jinħoloq b'vetturi pparkjati qrib il-kantuniera msemmija, liema pparkjar kien anke qed jaffettwa l-aċċess għal garaxxijiet li hemm fl-istess post. Il-Kunsill qabel li l-projbizzjoni fil-kantunieri li tagħti l-liġi għandha tiġi mtennija bil-linji sofor.

Għal darba oħra aċċennajt għal dan is-suġġett billi ġbit l-attenzjoni għall-punt li għamilt fis-seduta ta' qabel u ċċarajt il-proposta tiegħi fis-sens li jiena talab illi l-parkeġġ jiġi pprojbit faċċata tal-garaxx li għadu kemm inbena, peress li l-aċċess għalih qed ikun ostakolat b'vetturi pparkjati. Għidt li l-projbizzjoni tal-ħames metri mill-kantuniera ma jsolvu xejn mill-problema ta' sid il-binja li għadha kemm telgħet. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal jista jinqala diżgwid fuq liema naħa ser isiru d-*double yellow lines*.

Xogħlijiet fir-ramla tal-Għadira

Staqsejt dwar xogħlijiet li kienu għaddejjin fir-Ramla tal-Għadira.Is-Segretarju wieġeb li x-xogħol jikkonsisti fi tħaffir ta' trinka sabiex jissaħħaħ il-main tad-drenaġġ li ġej miż-żona tal-Aħrax u l-Għadira.

Ħarsien tal-qniefed

Ipproponejt li jitwaħħlu tabelli li jindikaw il-preżenza tal-qniefed fit-Telgħa ta' Selmun, fit-Triq tal-Miżieb u fi Triq l-Armier ġewwa l-Aħrax.

Inkonvenjenti kkawżati mill-kostruzzjoni

Infurmajt lill-Kunsill li ġejt avviċinat minn xi residenti fil-Manikata li attwalment qegħdin jibqgħu fi djarhom minħabba l-epidemija tal-Covid-19. Dawn qed jilmentaw minn inkonvenjent ikkawżat b'ħinijiet twal matul il-ġurnata minħabba xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Aċċennajt ukoll li r-Reġjun Ċentru għamel rappreżentazzjoni mal-Ministeru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar sabiex jitnaqqsu l-ħinijiet li fihom jista' isir ix-xogħol.

Ramel fi Triq il-Marfa

Ġbit l-attenzjoni għar-ramel li jittellgħa bir-riħ fit-triq ta' mar-ramla tal-Għadira illi jista' jiġi miżmum permezz ta' xibka temporanja fil-ġenb tal-bankina matul il-promenade. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta għandha tiġi diskussa mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, li huma responsabbli mill-immaniġġjar tal-bajja.

Sewqan perikoluż fil-Manikata

Staqsejt dwar jekk kienx hemm żviluppi rigward is-sinjali tal-karreġġjata u tabelli, li kellhom isiru fi Triq il-Wilġa, Trejqet il-Ħarrub, u fi Triq il-Mejjiesa.

Filmati dwar passatempi

Ipproponejt li jsiru filmati dwar snajja tradizzjonali, l-arti, u passatempi bil-parteċipazzjoni ta' persuni mill-lokalità, bil-għan li jkunu jistgħu jittellgħu fuq il-media soċjali. Dawn għandhom ikunu mmirati biex iħajru lit-tfal u ż-żgħażagħ jippprattikawhom.

Miżuri biex jiġi evitat lir-ramel tal-Għadira jispiċċa fit-triq

Ressaqt talba biex nevalwaw il-possibilta li fil-partijiet fejn ir-ramel li jispiċċa fit-triq minħabba r-riħt jiġu installati xbieki t'apposta mar-*railings* li jservi ta' lqugħ għal dan ir-ramel.

Talba lill-awtoritajiet responsabbli biex titnaddaf il-bajja tat-Torri l-Abjad

Ressaqt din it-talba biex l-awtoritajiet konċernati jibdew bil-ħidma biex titnaddaf din il-bajja. Tlabt biex jiżdiedu l-kontenituri tal-iskart biex tlaħħaq mad-domanda tal-ammont ta' nies li jżuru din il-bajja.

Talba biex jiġu installati tabelli li jipprojbixxu ikkampjar fl-Imġiebaħ.

Minħabba l-fatt li din iż-żona hija parti minn Natura 2000, għidt li l-Kunsill Lokali għandu obbligu sħiħ li jiżgura li l-abbużi jitwaqqfu. Tlabt biex tiżdied l-frekwenza ta' ġbir ta' skart f'din iż-żona.

Mozzjoni sabiex isir ilqugħ *(fence)* madwar il-perimitru tal-irdum li jgħati għal bajja ta Popeye Village

Kont parteċipi f'mozzjoni msemmija sabiex isir ilqugħ *(fence)* madwar il-perimitru tal-irdum li jagħti għal bajja ta Popeye Village mhux għola minn 4 piedi, sabiex ma jibqax il-periklu li n-nies jistgħu jaqgħu għal isfel. Il-mozzjoni kienet tgħid ukoll li għandhom isiru aktar tabelli li jindikaw "Periklu - Tersaqx iktar il-barra minn dan il-punt / *Danger - Do not go beyond this point*".

Mozzjoni sabiex jigu mixtrija u nstallati numru ta' *"Fire Hydrants"*

Kont parteċipi f'mozzjoni sabiex jiġu mixtrija u nstallati numru ta' *Fire Hydrants* għaż-żona ta' l-Aħrax, it-Torri l-Aħmar kif ukoll il-Miżieb sabiex f'każ ta' ħruġ ikun hemm provista immedjata ta' ilma. Dan sabiex jiġu evitati inċidenti bħal ma ġara fl-Aħrax fil-ġranet li għaddew u l-Miżieb fix-xhur li għaddew.

Ipparkjar fi Triq il-Marfa (Għadira)

Aċċennajt għad-domanda kbira li teżisti għall-ipparkjar fiż-żona tal-Għadira, tant li qed ikun hemm vetturi pparkjati f'Dawret il-Mellieħa u fi Triq il-Marfa sar-*roundabout* ma' Triq l-Armier. Staqsejt dwar x'pożizzjoni qed tiġi addotata mill-Pulizija u l-LESA fil-konfront ta' din is-sitwazzjoni.

Xogħlijiet fir-ramla tal-Għadira

Irreferejt għall-minuta 2.8.1. tas-Seduta Nru. 13 tal-5 ta' Mejju 2020 u staqsa dwar jekk kienx hemm titjib fis-sitwazzjoni tal-*barbecue area* fl-Għadira wara x-xogħlijiet li saru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Miżuri favur l-integrazzjoni soċjali

Irreferejt għal imejl datat 3 ta' Ġunju 2020, mibgħut mir-Reġjun Tramuntana dwar laqgħa li titratta s-suġġett t'hawn fuq, li saret fil-15 ta' Ġunju li attendejt għaliha flimkien mal-Kunsilliera A. Brincat Stellini. Il-laqgħa ssejħet biex jiġu jdentifikati persuni sabiex jirrappreżentaw komunitajiet ta' residenti barranin u *stakeholders* oħra bil-għan li tkun tista' tissejjaħ konferenza nazzjonali. Għall-istess laqgħa kien hemm preżenti uffiċjal minn Identity Malta li ser jgħin biex jinġabru dettalji dwar persuni barranin residenti fil-lokalitjiet rispettivi. Kellu jingħata żmien sat-3 ta' Lulju 2020 sabiex dawk preżenti jħejju l-idejat tagħhom bil-għan li jiġu trattati fil-konferenza.

<u>Talba biex tittranġa l-girna (Park tal-Familja Selmun).</u>

Wara diversi ilmenti minn bosta residenti li jgħaddu mill-passaġġ li jagħti għal girna, tlabt biex il-Kunsill jintervjeni u biex tissewwa minnufih il-ħsara li saret. Dan sar biex l-istruttura tibqa' titgawda mir-residenti u jiġi evitat kull tip ta' periklu.

<u>Talba lill-awtoritajiet responsabbli biex titnaddaf il-bajja ta' Wied Musa</u>

Ressaqt din it-talba biex l-awtoritajiet konċernati jibdew bil-ħidma ħalli titnaddaf din il-bajja. Tlabt biex jiżdiedu l-kontenituri tal-iskart biex tlaħħaq mad-domanda minħabba l-ammont ta' nies li jżuru din il-bajja.

<u>Talba biex jiġi restawrat it-Torri taċ-Ċantar</u>

Wara li rċivejt diversi ilmenti fuq il-vandaliżmu li seħħ fuq it-Torri ta' Ciantar tlabt biex il-Kunsill formalment jitlob lill-awtoritajiet u għaqdiet responsabbli biex jieħdu l-passi neċessarji biex tissewwa l-ħsara li saret.

<u>Sellum għall-għawwiema fil-bajja ta' Gerbulin</u>

Għarraft li ġejt avviċinat dwar il-ħtieġa li jsir sellum għall-għawwiema fil-Bajja tal-Gerbulin. L-awtoritajiet konċernati ħadu azzjoni biex ir-residenti jkollom aċċess adekwat.

<u>Linji u *safety road reflectors* f'Triq il-Wilġa.</u>

Wara li tlestiet triq il-Wilġa tlabt biex jiġu installati linji tat-triq u *safety road reflectors* biex tkun aktar sikura għas-sewwieqa. Enfasizzajt li din hija triq mdallma minħabba li m'hemmx dwal tat-triq u tlabt biex dawn il-proposti jiġu kkunsidrati.

<u>Linji u *safety road reflectors* f'Triq il-Mellieħa.</u>

Wara li tlestiet Triq il-Wilġa tlabt biex jiġu installati linji tat-triq u *safety road reflectors* biex tkun aktar sikura għas-sewwieqa. Enfasizzajt li din hija triq mdallma minħabba li m'hemmx dwal tat-triq u tlabt biex dawn il-proposti jiġu kkunsidrati.

<u>Protezzjoni għas-*sand dunes* fil-Bajja tat-Torri l-abjad.</u>

Tlabt biex issir installazzjoni ta' passaġġ tal-injam madwar l-għaram sabiex l-viżitaturi jkunu jistgħu jifhmu aħjar l-importanza ambjentali tagħhom. Isiru sinjali edukattivi u fuljetti, li juru l-fawna u flora karatteristiċi li jinsabu f'kull sit.

<u>Sellum għall-għawwiema fil-bajja tal-Armier</u>

Għarraft li ġejt avviċinat dwar il-ħtieġa li jsir sellum għall-għawwiema fil-Bajja tal-Armier. L-awtoritajiet konċernati ħadu azzjoni biex ir-residenti jkollom aċċess adekwat.

<u>Kwestonarju fuq il-kwalitajiet tal-bajjiet.</u>

Preparajt kwestonarju bl-għan lill-parteċipanti jagħtu s-suġġerimenti tagħhom kif nistgħu ntejjbu l-kwalità tal-bajjiet fil-lokalità tal-Mellieħa. Il'fuq minn 1400 persuna imlew dan il-kwestonarju.

<u>Puġġaman għall-għawwiema f'Dawret it-Tunnara</u>

Għarraft li huwa ġie avviċinat dwar il-ħtieġa li jsir puġġaman għall-għawwiema fis-*slipway* li hemm bi dritt Triq it-Trill.

<u>Manutenzjoni tal-Moll fil-Marfa</u>

Staqsejt dwar min huwa responsabbli mill-moll tal-Marfa peress li jeħtieġ manutenzjoni kemm fil-wiċċ tal-konkos, kif ukoll il-lanterni li kien hemm miegħu ilhom żmien twill ma jiffunzjonawx.

<u>*Cats' Eyes* fi Triq il-Mellieħa</u>

Ġbit l-attenzjoni li toroq użati mit-traffiku li mhumiex imdawwla bil-lejl, bħalma huma Triq il-Wilġa u Triq il-Mellieħa għandhom ikunu mgħammra bil-*cats eyes* sabiex ikunu jidhru m'mod ċar it-truf tal-karreġġjata. Il-Kunsill qabel li t-toroq imsemmija għandhom jiġu trattati gradwalment minħabba l-ispiża li jinvolvu.

<u>Tkomplija ta' Taraġ il-Landiera</u>

Staqsejt dwar jekk hemmx pjanijiet minn naħa ta' Infrastructure Malta sabiex jitwettaq ix-xogħol fuq it-taraġ ppjanat għal Triq il-Landiera, bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna. Is-Segretarju Eżekuttiv

wieġeb li kienet saret spezzjoni fuq il-post mal-perit konċernat fi ħdan Infrastructure Malta f'Jannar 2020, iżda baqa' ma nbeda ebda xogħol fuq il-post, minkejja li l-Kunsill huwa nfurmat li dan kien ġie assenjat lil kuntrattur partikulari.

Okkupazzjoni ta' bankini f'Santa Marija Estate

Staqsejt dwar jekk huwiex ippjanat li jinżabru siġar li qed jokkupaw il-bankini fi Triq il-Qasab u Triq Għajn Żejtuna.

*Clean-Up* mill-Kunsill Studenti Universitarji

Għarraft li ġejt avviċinat mill-KSU dwar l-intenzjoni tagħhom li jorganizzaw tindif volontarju fiż-żoni għall-ikkampjar u fl-Armier. Peress li l-attività ser tinvolvi l-għaqdiet kollha li jħaddnu l-istudenti tal-università, dawn jinqasmu f'żewġ gruppi fiż-żoni msemmija. L-attività saret fl-24 ta' Ottubru 2020. Staqsejt ukoll dwar jekk tistax tingħata għajnuna materjali minn naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva t-talba.

Ftuħ mill-ġdid tal-Għassa tal-Pulizija

Ġbit l-attenzjoni li ħafna nies mhumiex kuntenti bil-fatt li l-għassa ilha diversi xhur magħluqa. Kompla jgħid li mhux aċċettabbli li mal-introduzzjoni tal-Pulizija tal-Komunità bl-uffiċċju tagħhom fil-bini tal-Kunsill Lokali, ingħalqet l-għassa.

Talba biex jitnaddfu l-*culverts* – Triq Għajn Zejtuna

Ġbidt l-attenzjoni tal-kunsill biex ir-*rainwater culverts* fit-Triq Għajn Żejtuna jiġu mnaddfa minnufih biex titnaqqas l-inkonvenjenza t'ilmijiet eċċessivi.

Talba biex jinżabru siġar li jimblukkaw il-bankini – Triq Għajn Zejtuna

Ġbidt l-attenzjoni tal-kunsill biex jinżabru siġar u ħaxix ħażin li jimblukkaw l-aċċess tal-bankini. Tlabt biex din il-biċċa xogħol issir perjodikament biex tinqata' l-inkvenjenza tar-residenti li jgħixu fil-madwar.

Iffirmar tal-ftehim mal-FKNK fuq il-Miżieb u l-Aħrax

Urejt id-dispjaċir tiegħi hekk kif ftit jiem qabel ma kien skedat li jsir dan l-iffirmar il-Kunsill Lokali irċieva invit biex ikun preżenti mingħajr id-diċenza li ssir konsultazzjoni miftuħa mal-Kunsill Lokali fuq art pubblika li tikkonċerna l-lokalità tal-Mellieħa. Filwaqt li wrejt l-apprezzament tal-ħidma li ssir minn bosta għaqdiet fl-Aħrax u l-Miżieb ħassejt li kien inġust li dan l-arranġament isir minn wara l-Kunsill Lokali.

Skont l-arranġament li ġie ffirmat hemm klawżola li tinvolvi l-kunsill f'bord li għandu jħares li l-obbligazzjonijiet jiġu mħarsa. Sfortunatament l-abbużi ta' rimi ta' skart illegali ma nqatawx u għaldaqstant kienet anke tressqet proposta biex il-Kunsill jiffinanzja eluf t'Ewro biex jiżdied il-monitoraġġ mill-Pulizija f'dawn iż-żoni. Proposta li personalment ma' qbiltx għall-fatt li ħassejt li l-awtoritajiet għandhom jerfgħu dan il-piż u joffru aktar riżorsi biex jiġu ssalvgwardjati dawn iż-żoni t'importanza.

Proġett - *Snapshots From the Borders*

Aċċennajt għall-proġett imsemmi, li huwa kofinanzjat minn fondi Ewropej u jinvolvi 35 imsieħeb, li jikkonsistu minn Kunsilli Lokali fil-periferija tal-Ewropa u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-proġett, huwa kkordinat mill-Muniċipalità ta' Lampedusa u Linosa, u l-għan tiegħu huwa li jtejjeb l-għarfien tar-raġunijiet li jwasslu għal deċiżjonijiet li qed jittieħdu minn awtoritajiet Ewropej f'livelli ta' tmexxija differenti *vis-a-vis* l-Għanijiet għal Żvilupp Sostenibbli stabbiliti mill-Ġnus Magħquda. Għarraf li ġejt avviċinat mill-kordinatur lokali tal-proġett li stieden il-Kunsill tal-Mellieħa jagħti l-kontribut tiegħu f'dan ir-rigward u għalhekk, bħala l-Kunsillier responsabbli mill-integrazzjoni soċjali intlabt nattendi laqgħa li saret fl-10 ta' Diċembru 2020.

Tqegħid ta' ġebel kbir fid-daħla għall-Bajja tal-Imġiebaħ

Ippropona li jitpoġġa ġebel kbir sabiex jinbarra d-dħul ta' vetturi fuq l-art li tħares fuq il-Bajja tal-Imġiebaħ, li spiss tkun okkupata bl-ikkampjar u vetturi.

Rapport ta' drenaġġ mormi fil-baħar – Qammieħ

Wara għadd ta' ilmenti minn residenti li jmorru mixjiet fin-naħat tal-Qammiegħ, tlabt biex tittieħed azzjoni ħalli d-dranaġġ jieqaf jintrema bil-baħar b'detriment ambjentali u għas-saħħa tan-nies.

Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena

Stasejt dwar jekk kienx hemm xi rispons mill-awtoritajiet kompetenti rigward il-ftuħ mill-ġdid tat-taraġ pubbliku msemmi.

Vandaliżmu fil-Park tal-Familja Selmun u Ġnien Dun Anton.

Tlabt lil Kunsill biex isir tindif neċessarju u jitneħħew il-marki taż-żebgħa li saret fuq propjeta pubblika. Rapport anke tressaq mal-Pulizija tal-Kommunita biex tinvestiga dawn l-atti ta' vandaliżmu fil-lokalità.

Gabriel Micallef - Kunsillier